# Dawl Franġiskan

GĦADD 427 | FRAR 2023 | IT-43 SENA

LEĦEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN

NEWSPAPER POST ISSN 1811-5373



***"MULEJ, JIENA NĦOBBOK!"***

***Il-Papa Emeritu Benedittu XVI***

*L-aħħar kliem qabel ma miet*

# werrej


Aħna
**4** **Nsara 'tal-gallerija'?**
Fr Philip Cutajar OFMCap

L-Ispirtu Franġiskan
**7** **ta' Paolo Borsellino** (Ir-Raba' Parti)
Robert Aloisio

Marija Ikona
**10** **tal-ispirtu** (It-Tieni Parti)
Mons Lawrenz Sciberras

L-għatx għall-paċi
**13** **li nġorru fina**
Fr Ivan Scicluna OFMCap

Padre Pio
**16** **u l-ewkaristija** (It-Tielet Parti)
Vincent Vella OFS

**18** Isa, **Pa!**
Patri Mario Attard OFMCap

San Mikiel Arkanġlu
**il-prinċep tal-anġli** (L-Ewwel Parti)
Mons. Joe Alessandro OFMCap
**20** Isqof Emeritu ta' Garissa, il-Kenja














## Ħsieb tal-faċċata

Skont l-infermiera li kienet qed tieħu ħsieb il-Papa Emeritus Benedittu XVI, dawn kienu l-aħħar kelmiet li huwa qal qabel ma radd ruħu lil Alla: "MULEJ, JIENA NĦOBBOK!". Dawn ġew ikkonfermati wkoll mis-segretarju personali tiegħu l-Arċisqof George Ganswein. Jalla dan kollu jkun mudell għalina lkoll bil-għan li nagħmlu mewta tajba.





**23** Il-qawwa tat-talb
**Sharks!** (Ir-Raba' Parti)
Mary C. Attard

**24** Il-kurċifiss tal-Kapuċċini
**fil-Kalkara** (Id-Disa' Parti)
Joseph C. Camilleri
BA, DEAM, M.Ed. (Pl. & Mgt)

**26** Aħbarijiet tal-Provinċja -
**mid-djarju tal-Kapuċċini Maltin**
Br Miguel Zammit OFMCap
segretarju provinċjali

**30** In-Nawfraġju ta' San Pawl f'Malta
– 60 WK
Kav. Carmel Bianchi KGO

**32** L-eredità kbira u ta' fejda
**tal-Papa Benedittu**
Fr Silvestru Bonavia OFMCap

**34** Trill (ħut)
**ta' Sant'Andrija**
Fr Paul Bugeja OFMCap

**35** **Kompetizzjonijiet**
Fr Wistin Attard OFMCap


Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-*DAWL FRANĠISKAN* għandhom jiġu indirizzati lill-editur.
Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-*DAWL FRANĠISKAN* dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.

# bord editorjali


**Editur**
Fr Philip Cutajar OFMCap

**Amministratur**
Dorian Holland OFS

**Distributur Malta**
Alfred Ebejer

**Distributur Għawdex**
Pierre E. Buttigieg OFS

**Membri**
Joe Debattista GFF
Silvana Galea - A.Flame

**Direzzjoni u Amministrazzjoni**
Il-Kunvent tal-Kapuċċini,
Il-Furjana - FRN1211

**Telefown:** 2123 3874

**Fr Philip Cutajar Mob:** 7933 5692

**Dorian Holland Mob:**
7722 3730 | 7756 8801

**Imejl:** dawlfrangiskan@gmail.com

**IISN 1811-5373**

**Disinn u Stampar:**
Best Print Co. Ltd
**Telefown:** 2168 0789


**© Dawl Franġiskan 2023**


**Pubblikazzjoni Franġiskani Kapuċċini**

**Ħlas tal-Abbonament:**
€10.00 fis-sena

Kull offerta barra mill-ħlas hi milqugħa bħala għajnuna għall-missjoni u għandha tintbagħat lid-Direttur:
Ċentru Missjoni Kapuċċini,
Il-Kunvent tal-Kapuċċini,
Il-Furjana - FRN1211

# Aħna Nsara 'tal-gallerija'?



Fr Philip Cutajar OFMCap



**Il-Papa Franġisku fid-diskorsi tiegħu jħobb juża kelma, li ser inħalliha bit-Taljan kif jgħidha hu: 'BALCONEAR'. B'din il-kelma l-Papa jkun qed jirreferi għal dawk l-Insara li quddiem il-fatti tal-istorja tal-umanità jħobbu joqogħdu 'gallerija'.**

Toqgħod gallerija dment li l-purċissjoni għaddejja. Tibqa' gallerija dment li l-istorja tad-dinja, l-istorja tal-umanità, l-istorja ta' pajjiżek, tar-raħal/belt tiegħek, tal-parroċċa tiegħek, forsi - agħar minn hekk - tal-familja tiegħek, tkun qed tinkiteb u inti tibqa' biss spettatur passiv, indifferenti għal dak li jkun qed Iseħħ; ma tinvolvix ruħek; ma tikkommettix ruħek, sabiex la tfuħ u lanqas tinten. Però mbagħad issibek minn ta' quddiem nett sabiex tikkritika, tikkundanna u tgħid xi jmissu jsir. Però inti tibqa' lura; ma tagħmel xejn pożittiv. Tibqa' b'idejk fuq żaqqek minflok ma xxammar il-kmiem.

BALCONEAR huwa terminu li l-Papa

Franġisku jħobb juża, u dejjem f'sens negattiv. Hija kelma użata ħafna fil-vokabolarju Arġentin – Latin Amerikan. Hija kelma wkoll li nsibu fil-lingwaġġ tagħna, meta ngħidu 'dak baqa' gallerija'; 'skansafaċendi'; 'jiżloq mix-xogħol'; 'dak biex jikkritika biss jinqala', imbagħad ma ssibux biex imidd idejh'. Dawn huma kollha frażijiet li ta' spiss nisimgħuhom, speċjalment fil-gruppi tal-Knisja, fl-għaqdiet, fil-kumitati u fil-politika. Dawn huma tipi ta' nies li jippreferu jidħlu fil-ground għal-logħba imma bħala supporters biss – qatt ma jkunu kapaċi jinżlu fil-pitch biex jagħtu s-sehem attiv tagħhom u jilagħbu l-partita tal-ħajja. Dawn jippreferu jibqgħu fl-anonimat, newtrali – għax ma tafx lil min tiġi bżonn fil-ħajja! Pjuttost issibhom nies bla sinsla, bla karattru, bla valuri, bla prinċipji, nies li jimxu mal-massa, mal-kurrent.

## IS-SORU LI SALVATLU ĦAJTU

F'intervista li l-Papa Bergoglio kellu ma' Antonio Spadaro, direttur tar-rivista *Civiltà Cattolica*, ippubblikata f'Settembru tas-sena 2013, ittratta b'mod sempliċi imma effikaċi dan is-suġġett tal-inizjattiva, il-proattività kontra l-apatija u l-indifferenza, b'rakkont meħud mill-esperjenza tal-ħajja tiegħu. Il-Papa rrakkonta meta kien l-isptar, marid bil-pulmuni. Dakinhar it-tobba kienu tawh kors ta' injezzjonijiet tal-penicillin u streptomycin b'doża ta' 200 mg. Imma s-soru li kienet qed tieħu ħsiebu bħala nurse. meta rat il-kundizzjoni gravi tal-infezzjoni li kien qed ibati minnha, minn rajha ħadet id-deċiżjoni li żżid id-doża tal-penicillin bi tliet darbiet iżjed. U kien b'din l-inizjattiva tas-soru li Jorge Bergoglio ħareġ mill-isptar imfejjaq.

Il-Papa Franġisku faħħar lil dik is-soru, mingħajr ma kkritika lit-tobba, għall-inizjattiva tagħha. Is-soru kienet hemm bl-esperjenza tagħha fuq il-fruntiera mal-morda, u għalhekk b'intuwizzjoni għarfet il-bżonn urġenti li Bergoglio kellu bżonn. Quddiem dan il-bżonn hija ma baqgħetx 'gallerija', ma qagħditx tgħid 'Mhux it-tobba qaluli hekk?' imma kienet proattiva u salvat il-ħajja tal-pazjent. Kif qal il-Papa Franġisku stess: "Jiena llum għadni qed ngħix bis-saħħa ta' dik is-soru!"

## BĦAL SAN FRANĠISK T'ASSISI

L-esperjenza tal-ħajja tgħallimna li l-għażż huwa missier il-vizzji, filwaqt li l-indifferenza u l-apatija huma l-ommijiet ta' dawk il-vizzji, għax moħħna jkun f'dak li se ngħidu fuq in-nies (gossiping) u għalhekk naslu wkoll sabiex, b'kawża tal-għażż, nagħmlu azzjonijiet mhux xierqa. Meta l-Papa Franġisku qed jitkellem fuq il-perikli li joħorġu minn dawk li jieħdu l-attitudni negattiva tal-balconear, jiġifieri li b'indifferenza u apatija quddiem il-ħajja jibqgħu spettaturi, faċilment jaqgħu f'dawn il-vizzji li semmejna.



## Aħna Nsara 'tal-gallerija'?

F'kumment li jagħmel Alver Metalli, wieħed mill-istudenti tal-Professur Jorge Bergoglio, jirrakkonta kif fi Buenos Aires, waqt purċissjoni ta' Corpus Christi, l-Isqof Bergoglio kien innota diversi nies li matul il-purċissjoni ppreferew jibqgħu fil-galleriji ta' djarhom. U kien hawnhekk li Bergoglio għadda kumment: "Kemm għandna nies fil-ħajja ta' kuljum, anke saħansitra fil-ħajja tal-Knisja, li flok ma jkunu protagonisti sabiex ibiddlu l-istorja bil-għan li jkollna ħajja aħjar, jippreferu jibqgħu passivi u indifferenti fil-gallerija. Il-fidi ma ngħixuhiex mill-gallerija imma nimxu. Il-fidi mhix bħaż-żebgħa li biha tiżbogħ xahrek!" U proprju hawnhekk il-Papa jagħmel referenza għal San Franġisk t'Assisi. Dan bħala żagħżugħ, quddiem in-nuqqasijiet li kien hemm fl-istess Knisja ta' żmienu, ma baqax indifferenti, ma tħalliex li jiġi pparalizzat mill-apatija, imma kien proattiv u għamel xi ħaġa ferm pożittiva: niżel mill-gallerija u beda l-ewwel jinbidel hu, sabiex b'hekk il-Knisja ma tiqafx tinbidel.

## AĦNA X'AĦNA? FEJN QEGĦDIN?

Quddiem dawn ir-riflessjonijiet li qed naqsam magħkom, imnebbħin mid-diversi diskorsi tal-Papa Franġisku, huwa meħtieġ li aħna nistaqsu lilna nfusna: Aħna x'aħna? Aħna fejn aħna? Aħna ċittadini u Nsara 'tal-gallerija'? Spettaturi biss? M'aħniex kapaċi ninvolvu lilna nfusna sabiex b'kull mod possibbli, skont il-kwalitajiet ta' kull wieħed u waħda minna, infittxu li nagħtu s-sehem pożittiv tagħna f'kull qasam tal-ħajja? Nemmen li għandna wisq ċittadini Maltin u Għawdxin 'tal-gallerija'.

Il-Papa Franġisku, fil-ktieb li kiteb flimkien



mar-Rabbi Abraham Skorka, bit-titlu *Is-Sema u l-Art*, jagħmel differenza bejn professur u għalliem (*maestro*). Li tkun professur ifisser li tmur fil-klassi u b'mod akkademiku tagħti l-lezzjoni bla entużjażmu u ħeġġa, imma li tkun għalliem ifisser li mal-lezzjoni tagħti l-eżempju bil-ħajja tiegħek u tinvolvi lill-istudenti fis-suġġett.

Ma nistgħux fil-ħajja ta' kuljum nibqgħu biss professuri billi niddettaw u ngħidu x'għandu jsir imbagħad aħna ma nagħmlu xejn. Jeħtieġ li nkunu għalliema billi b'ħeġġa u entużjażmu ninvolvu aktar lilna nfusna fil-ħajja ta' kuljum u bl-eżempji tajba tagħna nkunu protagonisti fil-bidla.

Kemm għandna bżonn nies ta' din il-kwalità fil-kultura, fil-politika, fuq il-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali, fin-negozju, fil-familja tagħna u mhux inqas fil-ħajja tal-Knisja. Ġesù dan hu li kontinwament qed jitlob minna, jiġifieri li 'nkunu melħ tal-art u dawl tad-dinja' (Mt. 5, 13-16). Kif tista' fil-ħajja ta' kuljum tkun tassew 'melħ' u 'dawl' jekk inti qed tgħix il-ħajja tiegħek 'gallerija'? B'urġenza, illum qabel għada, ejjew inbiddlu l-atteġġjament tagħna billi ninżlu mill-'gallerija' u nimxu mal-purċissjoni tal-ħajja ta' kuljum, ninkarnaw fid-dinja bla ma nkunu tad-dinja, ninvolvu aktar lilna nfusna fil-ħajja ta' kuljum billi nkunu 'bħall-ħmira li tgħolli l-għaġna kollha'.

Il-Mulej jagħtikom is-sliem! ■

# L-Ispirtu Franġiskan ta' Paolo Borsellino (Ir-Raba' Parti)



Robert Aloisio

Ix-xorti tal-bniedem hi li minn ġewwa jibqa' tifel. Paolo kien jifraħ meta jqum fil-bogħod u jsib li l-pjanta fil-gallarija għamlet il-fjuri. Kien jifraħ bl-iktar affarijiet sempliċi. Kien tip Franġiskan u kien iqis lilu nnifsu pellegrin fuq l-art. Kellu volontà u fidi immensa... xewqa li jwettaq. Kien konxju tal-ħiliet tiegħu u ried jisfrutta bis-sħiħ it-talenti tiegħu, xi ħaġa li dejjem għamel fir-rispett sħiħ tal-bniedem. Din il-forza tar-ruħ setgħet tinqered biss bl-isplussiv u b'xejn aktar.

Agnese Borsellino



| Paolo Emanuele Borsellino

## L-ASSASSINJU TAL-IKBAR ĦABIB

Fit-23 ta' Mejju 1992 ġrat l-Istraġi ta' Capaci li fiha Giovanni Falcone nqatel flimkien ma' martu u tliet pulizija tal-iskorta, fuq ordni ta' Totò Riina. Id-destin ried li kellu jkun propju Borsellino li jilqa' "l-aħħar nifs" ta' Falcone fl-isptar ta' Palermo. Lil Borsellino tawh il-permess jidħol fis-sala ta' rianimazzjoni li minnha ħareġ ftit wara t-tmienja ta' filgħaxija. Lissen, minn taħt l-ilsien: "Giovanni miet f'idejja."

L-għada, Borsellino ġarr it-tebut biex il-katavru ta' Falcone jkun espost fl-atriju tal-qorti ta' Palermo, flimkien ma' dak ta' martu. Dakinhar kien dar fuq il-kollegi tiegħu u qalilhom b'ton deċiż u rassenjat:

"Min irid jitlaq minn din il-prokura jista' jagħmel dan. Min se jibqa' jaf li dan huwa d-destin, dan huwa l-futur."

It-telfa ta' Falcone lil Borsellino kienet tatu ġewwa wisq. Ir-rabta li kellu ma' Falcone kienet waħda qawwija u antika. Għal tant snin ħadmu flimkien, kielu flimkien u ċċajtaw flimkien. Dak iż-żmien, Borsellino reġa' kien qed jaħdem f'Palermo u baqa' hemm minkejja li kien jaf li l-mument tiegħu wkoll ma kienx fil-bogħod. "Irrid ngħaġġel, għax issa jien imiss." "Fhimt kollox, hija ġirja kontra ż-żmien din li qed nagħmel. Qed nara l-Mafja dirett, irrid naħdem ħafna, irrid naħdem wisq."[1]

Borsellino kien inkwetat għal familtu iżda wkoll għall-pulizija żgħażagħ tal-iskorta tiegħu li, fi kliem martu, kienu saru "parti mill-familja tagħna u kienu jgħixu kważi f'simbjożi magħna, jaqsmu magħna l-istess ansjetà, il-proġetti tagħhom."[2] Kien qed jipprepara wkoll biex jidher quddiem Alla.

DON CESARE: Darba, meta kont fl-uffiċċju tiegħu, fetaħ qalbu miegħi u qalli li r-ROS kienu skoprew li wasal l-isplussiv għalih ukoll. Staqsejtu: "Għaliex ma titlaqx?" Weġibni: "Itlob għall-familja tiegħi." U qalli wkoll li minn ċertu żmien 'l hawn kien beda jħares lejn uliedu mill-bogħod, ma kienx għadu jagħtihom karezzi, "biex jibdew jidraw għal meta niġi nieqes." Kien iħobb profondament lil uliedu, kien tassew missier. Mort narah fil-prokura lejlet li qatluh, u wara diskursata twila, qalli: "Ieqaf, irrid inqerr. Għax, ħares 'l hawn, jien nipprepara." Kellu sens profond ta' dak li kellu jiġri.[3]



*Triq D'Amelio, Sqallija wara l-attentat*

## L-ISTRAĠI TA' VIA D'AMELIO

57 jum wara l-qtil ta' Giovanni Falcone, il-Ħadd 19 ta' Lulju 1992, Borsellino qam bħas-soltu fil-ħamsa ta' filgħodu. Wara li tkellem fuq it-telefown ma' bintu ż-żgħira Fiammetta, ta' dsatax-il sena, li kienet imsiefra, Borsellino beda jikteb ittra lil għalliema minn Padova li kienet stidnitu jmur l-iskola tagħhom għal dibattitu.

Ftit wara, Borsellino mar sa Villagrazia di Carini biex jistrieħ daqsxejn. Mar fuq id-dgħajsa ma' wieħed mill-ftit ħbieb li kien baqagħlu. Iktar tard ingħaqdu miegħu martu Agnese u wliedu Manfredi u Lucia. F'mument minnhom, l-imħallef ħa lil ħabibu waħdu u qallu: "L-isplussiv għalija wasal, it-Tnejn li għadda." Imbagħad qallu li dakinhar kien se jitlaq lejn il-Ġermanja. Raġunijiet ta' xogħol.

Il-Mafjużi kienu jafu li Borsellino kien imur

Referenzi:

1. Giorgio Bongiovanni u Lorenzo Baldo, *Gli Ultimi Giorni di Paolo Borsellino*, Aliberti, 2010.
2. "57 giorni a Palermo", *La Storia siamo noi*, RAI Due, 22 ta' Lulju 2009.
3. "Don Cesare: «Borsellino mi disse: confessami, mi sto preparando»", *L'Avvenire*, 16 ta' Lulju 2012.



| *Borsellino flimkien ma Giovanni Falcone u Antonino Caponnetto*

iżur lil ommu kull nhar ta' Ħadd filgħodu. Sa mis-sebgħa ta' filgħodu tad-19 ta' Lulju l-Mafjużi kienu għal-lest, u baqgħu jistennewh sa xħin wasal. Il-ħamsa neqsin żewġ minuti, ta' filgħaxija. U Palermo terġa' ssir qisha Bejrut. Karozza Fiat 126, b'madwar disgħin kilò splussiv tip Semtex-H tisplodi fi Triq D'Amelio 21, taħt il-blokk fejn kienet toqgħod omm l-Imħallef.

Splużjoni, duħħan, fjammi, demm u biċċiet ta' iġsma: għal sittin sekonda sħaħ ix-xemx tgħattiet għalkollox. Il-Fiat 126 taret tletin metru minn fejn kienet. Il-karozzi bulletproof tal-pulizija tal-iskorta nqerdu. Tletin karozza oħra li kienu pparkjati hemm ħadu n-nar. L-iġsma ta' Borsellino u tal-pulizija tal-iskorta Agostino Catalano, Walter Eddie Cusina, Emanuela Loi, Vincenzo Li Muli, u Claudio Traina nħarqu u ttertqu, b'biċċiet minnhom itiru u jahbtu mal-asfalt tat-triq. Il-pistoli li kellhom f'idejhom kienu ħadu u splodew f'idhom tant li id wieħed minnhom instabet fis-sitt sular ta' bini fil-qrib.

Lil ommu, Borsellino spiss kien iżurha, u kien jiftiehem magħha bit telefown. Ibnu Manfredi, meta kien Malta, irrakkonta li omm Borsellino, Maria Pia, niżlet tara lil binha mtertaq biċċiet: "Bqajna miblugħa bin-nanna li fl-età ta' 83 sena niżlet it-taraġ tad-dar tagħha mfarrka. Niżlet ħdejn il-karozza mfarrka ta' missieri u talbet fuq dak li kien fadal mill-papà."[4] ■



Referenzi:

4. *L-Impenn Kristjan*, Kerygma, Malta, Jannar 1993.

# Marija Ikona tal-ispirtu (It-Tieni Parti)



Mons Lawrenz Sciberras

**It-Testment il-Ġdid ikellimna dwar Alla, dak li t-teoloġija ssejjaħlu "l-ewwel persuna tat-Trinità". Hemm Alla wieħed, il-Missier... u Mulej wieħed Ġesù Kristu" (1 Kor. 8, 6). Il-misteru sħiħ ta' dan Alla l-Missier qiegħed fil-paternità infinita f'dak li għandu x'jaqsam mal-Iben. Il-persuna tiegħu tiġi ffurmata fit-tnissil. L-attività eterna u omnipotenti ssib il-quċċata tagħha fit-tnissil infinit tal-Iben. Huwa b'dan il-mod li Alla rrivela lilu nnifsu fi Kristu. "Inti Ibni; jiena llum nissiltek." (Sl. 2, 7)**

Hemm ukoll l-Ispirtu qaddis, li Alla permezz tiegħu qajjem lil Ibnu. Huwa qajmu bis-saħħa (2 Kor. 13, 4); huwa qajmu "bil-qawwa glorjuża tal-Missier" (Rum. 6, 4); huwa qajmu bl-Ispirtu (Rum. 8, 11). L-Ispirtu huwa dak li jaħdem b'qawwa kbira, il-persuna attiva li permezz tagħha l-Missier iwettaq ix-xogħol tiegħu. Dinamiżmu divin. L-Ispirtu huwa dik l-imħabba li l-frott tagħha huwa t-tnissil tal-Iben mill-Missier.

Qaddis ta' żminijietna wasal biex jgħid: "Il-Missier inissel, l-Iben l-imnissel u l-Ispirtu s-Santu huwa l-proċess tat-tnissil. Hija preċiżament il-ħajja personali tagħhom li permezz tagħha dawn it-tliet persuni jintgħażlu minn xulxin. L-Ispirtu għalhekk huwa dan it-tnissil, l-aktar qaddis, infinitament qaddis, immakulat, li permezz tiegħu Alla huwa l-Missier u l-Iben huwa l-Iben."

## L-ILMA LI JSAFFI U JQADDES

Fil-qedem l-ilma, minbarra li kienu jorbtu miegħu l-qawwa li jgħajjex, kienu jqisuh ukoll simbolu tal-maternità u l-fekondità; mela kellu l-qawwa li jnissel, ikabbar u jsaħħaħ. Issa fl-era ta' żmien l-Insara dan l-ilma ngħata wkoll



id-dinjità ta' sagrament - twelid mill-għoli (Ġw. 3, 14-16). Barra dan il-Bibbja tara fl-ilma - dak tan-nixxigħat, l-ilma ġieri u dak safi tax-xita - simbolu tal-Ispirtu, safi u dinamiku. Hekk il-Profeta Eżekjel, dejjem biex jagħmel il-qalb lil dawk eżiljati, jgħidilhom: "Inroxx fuqkom ilma safi... inqiegħed l-ispirtu tiegħi fikom" (Eżek. 36, 5.27). L-istess ħsieb qiegħed f'Salm 51, 9: "Roxxni bl-ilma u nissaffa; aħsilni u aktar mis-silġ nibjad."

"Jien insawwab l-ilma fuq art niexfa u xmajjar ta' ilma fuq art għatxana. Insawwab l-Ispirtu tiegħi fuq id-dixxendenti" (Is. 44, 3; Is. 32, 15; Żak. 12, 10; Ġw. 7, 37). L-ulied ta' Alla jitwieldu mill-magħmudija bħallikieku minn ġuf l-omm. Huma jitwieldu mill-ilma u mill-Ispirtu, u dan għaliex l-ilma jorbot miegħu diversi konnotazzjonijiet mal-Ispirtu qaddis.

Din il-ħidma materna twettqet mill-Ispirtu s-Santu l-ewwel darba fit-tnissil u fit-twelid ta' Iben Alla. L-Ispirtu kkawża dan kollu flimkien mal-iva ta' mara! Ġesù huwa dak il-bniedem li huwa Iben Alla, imwieled fl istess ħin bil-qawwa tal-Ispirtu ta' Alla u fil-ġuf safi ta' Marija. "L-Ispirtu s-Santu jiġi fuqek u l-qawwa tal-Għoli tixħet id-dell tagħha fuqek; għalhekk dak li jitwieled minnek ikun qaddis u jissejjaħ 'Iben Alla'." (Lq. 1, 35)

It-tnissil tal-Iben bħala bniedem seħħ grazzi għall-għaqda flimkien - is-sinerġija - tas-sema mal-art, mela f'kollaborazzjoni shiħa ta' dak l-aktar għoli, li huwa l-Ispirtu qaddis, flimkien ma' dak li huwa tal-art. L-Ispirtu mhux xi ħaġa impersonali, bħalma huwa l-ilma tal-magħmudija, imma l-Ispirtu ta' dak l-aktar għoli u l-ġuf ta' waħda mara minn din l-art. Dawn ħadmu flimkien.



Fl-arblu tar-razza miktub minn Mattew il-kelma "mnissel" tintuża mal-irġiel u n-nisa, u din espressa mal-prepożizzjoni "minn". Ġuda nissel lil Fares u Żahra minn Tamar... Salmon nissel lil Bogħaż minn Raħab; Bogħaż nissel lil Obed minn Rut... u s-Sultan David nissel lil Salamun mill-mara ta' Urija. (Mt. 1, 3.5-6)

Meta nitkellmu dwar it-twelid ta' Ġesù l-evanġelista għal tliet darbiet juża l-istess prepożizzjoni "minn": l-ewwel darba meta jitkellem dwar Marija, li "minnha twieled Ġesù" (Mt. 1, 16). Id-darbtejn l-oħra meta jitkellem dwar l-Ispirtu s-Santu: "It-tnissil ta' Ġesù l-Messija sar hekk: Ommu Marija, wara li tgħarrset ma' Ġużeppi, qabel ma marru joqogħdu flimkien, saret omm bil-ħidma tal-Ispirtu s-Santu" (Mt. 1, 18). U t-tielet darba: "Dak li tnissel minnha ġej mill-Ispirtu s-Santu." (Mt. 1, 20)

Hija prerogattiva tal-Missier li jnissel l-Iben f'din id-dinja. Ir-rwol tiegħu jidher f'dan il-kliem: "Dak li tnissel minnha (fiha) ġej mill-Ispirtu s-Santu" (Mt. 1, 18). U minn min ġie kkonċeput? Huwa Alla li nissel dan it-tifel f'Marija u għamel dan bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu.

Hekk il-misteru tat-Trinità jidħol fid-dinja u jiġi realizzat hawn! F'Ġesù Alla l-Missier qiegħed fil-qalba tad-dinja: Huwa nissel lil ibnu sa mill-eternità. Dan Alla għażel il-Lhud bħala nazzjon u ntrabat miegħu bi mħabba ta' Missier: "Ifraħ," qalilha Gabrijel lil Marija, "mimlija bil-grazzja, il-Mulej miegħek." (Lq. 1, 28)

## IL-FERĦ TA' MARIJA

L-imħabba ta' Alla għal Iżrael kollu issa ġiet ikkonċentrata fuq tfajla waħda, li ddaħħlet fl-isfera tal-misteru tal-eternità. Deher sinjal kbir fis-sema, mara liebsa x-xemx, li magħha Alla wettaq it-tnissil ta' Binha.

L-Ispirtu s-Santu ma għandux isem propju, tant li aħna nistgħu nimmaġinaw il-fiżjonomija tiegħu. Aħna nafu kif ikun missier flimkien mal-karatteristiċi tiegħu; nafu wkoll kif ikun iben. Imma l-Ispirtu ta' Alla ma għandux wiċċ. Ismu, kemm bil-Lhudi, bil-Grieg u bil-Latin ifisser "nifs", "riħ", u jsejħulu wkoll "nar", "ilma ħaj", "qawwa ta' Alla". Dawn huma kollha ismijiet impersonali. Madankollu l-Ispirtu ta' Alla jimla l-art (Għerf 1, 7), imma l-preżenza tiegħu hija inviżibbli.

Bl-istess mod fl-istorja tad-dinja l-ommijiet ta' sikwit jibqgħu mingħajr isem: fil-Bibbja meta jissemmew l-arblu tar-razza kważi qatt ma jissemma ukoll jekk huma jżommu t-tnissil sħiħ. Ix-xogħol tagħhom huwa minn ġewwa. Madankollu fl-istorja tad-dinja kien hemm waqt meta Alla ta wiċċ lill-Ispirtu. Dan il-wiċċ deher fix-xebba ta' Nazaret, li mtliet bil-qawwa tal-Għoli.

Marija wisq aktar minn kull kreatura oħra ġiet issiġillata bis-"siġill tal-Ispirtu" (Ef. 1, 13; 4, 30). Wisq aktar mill-ilma tal-magħmudija, li huwa safi u matern, din ix-xebba saret is-simbolu l-aktar perfett ta' tnissil etern. Saret l-ikona vera u qaddisa tal-Ispirtu ta' Alla. ■



# L-għatx għall-paċi li nġorru fina



Fr Ivan Scicluna OFMCap Min. Prov.

**Il-paċi. Ilkoll irriduha. Ilkoll nixxennqu għaliha. Hija l-perla li lkoll infittxu bla heda, anki jekk lanqas biss nintebħu. Mhux darba jew tnejn innutajt li meta n-nies tiġi żżur il-kunventi tagħna tal-Kalkara jew ta' Għawdex, l-ewwel kelma li tlissen tkun: "X'paċi għandkom, Father!" U jgħiduha b'mod li jikkonfermali kemm fil-qiegħ ta' qalbu l-bniedem iġorr dan l-għatx – għatx għall-paċi.**

## 1. XEWQITNA U XEWQET ALLA

Mhux aħna biss nixtiquha l-paċi. Il-Mulej innifsu, li "huwa l-paċi tagħna" (Ef. 2:14), jixtieqna fil-paċi. Il-paġni tal-Evanġelju huma xhieda ta' dan. Wara li ħafer id-dnubiet ta' dik il-mara midinba li xarrbitlu riġlejh bi dmugħha waqt li kien għall-ikel fid-dar ta' Xmun il-Fariżew, Ġesù sellmilha bil-kliem "Mur fis-sliem" (Lq. 7:50). Bl-istess mod, lill-mara li kien fejjaq mit-tnixxija tad-demm wara li messitlu tarf il-libsa, Ġesù mhux biss faħħarha għall-fidi tagħha iżda ħallieha tmur bl-istess tislima: "Mur bis-sliem" (Mk 5:34; Lq. 8:48). L-ewwel kelma li Kristu Rxoxt imur jgħid lid-dixxipli tiegħu meta dehrilhom fiċ-ċenaklu kienet: "Is sliem għalikom!" (Lq. 24:36)

Mela l-paċi hija xewqa tagħna u xewqet Alla għalina. Xewqalna u xewqalu jillaqgħu. Jitbewsu. Hekk li nistgħu ngħidu li r-rieda ta' Alla mhijiex xi ħaġa li tiġi minn barra minna u li tesiġi minna sottomissjoni sfurzata. Xejn minn dan. Ir-rieda ta' Alla, fl-aħħar mill-aħħar, tikkorrispondi għal dawk ix-xewqat l-iktar profondi u veri li nġorru f'qalbna, bħalma hi x-xewqa għall-paċi. Infatti wieħed mill-modi kif nistgħu niskopru r-rieda ta' Alla huwa billi niġu f'kuntatt, nagħrfu u nagħtu isem lix-xewqat l-iktar profondi u awtentiċi li jgħammru mkebbsa fil-qiegħ ta' qalbna,



u li l-Ħallieq innifsu żera' fina, bħalma hi x-xewqa għall-paċi, ix-xewqa għal-libertà vera, ix-xewqa għat-tajjeb, ix-xewqa għall-hena jew ix-xewqa li nħobbu u nkunu maħbuba.

## 2. IL-PAĊI VERA: X'MHIX U X'INHI

Biex naslu niddefinixxu x'inhi l-paċi tajjeb li l-ewwel ngħidu x'mhijiex.

(i) Il-paċi mhijiex primarjament marbuta ma' xi post, ma' xi mkien jew ma' ċirkustanzi barra minna. Infatti wieħed jista' jkun qed jgħix f'dar mill-isbaħ, bl-aqwa xogħol f'idejh u jgħum fil-flus, iżda f'qalbu ma jkollux qatra paċi. Għall-kuntrarju, issib min jinsab f'ċirkustanzi mwiegħra, bħal ngħidu aħna fuq is-sodda tal-mard, u tinduna li f'qalbu għandu paċi kbira.

(ii) Il-paċi mhijiex emozzjoni jew sentiment, għalkemm taffettwa ferm l-emottività tagħna.

(iii) Fl-aħħar nett, il-paċi ma tfissirx li wieħed ikun erbgħa u għoxrin siegħa b'ħalqu mċarrat, għalkemm il-paċi vera twassal għat-tbissima fuq il-wiċċ.

Il-paċi hija esperjenza ġewwinija. Hija stat interjuri. Fi kliem is-saċerdot Ġiżwita Fr John Powell il-paċi hija "inside job". Fil-lingwa Lhudija l-kelma "paċi" ("shalom") għandha tifsira tassew profonda. Tfisser li wieħed ikun fil-verità miegħu nnifsu, mal-oħrajn u ma' Alla. Ħa nippruvaw nispjegaw ftit aħjar dawn it-tliet livelli ta' verità li kapaċi jnisslu fina paċi profonda u vera.

## 3. TLIET LIVELLI TA' VERITÀ

Li nkun fil-verità miegħi nnifsi jfisser li nagħraf lili nnifsi kif jien bil-karattru u t-temperament tiegħi, bis-sbuħija u bid-dgħufijiet tiegħi. U mhux biss nagħraf imma nkun kapaċi ngħannaq u naċċetta lili nnifsi kif jien, inkluża l-istorja jew il-passat tiegħi, bl-opri tajba u bl-iżbalji kollha li għamilt. Impressjonanti l-kliem ta' Don Fabio Rosini dwar l-importanza li nkunu kapaċi nħarsu f'wiċċ l-istorja tagħna u naċċettawha b'serenità hekk kif inhi: "Tarmi xejn mill-istorja tiegħek! Kull dettall tagħha għandek bżonnu! Forsi għaddejt minn affarijiet li dwarhom għadek tgħid: 'Imma kif kellu jiġrili hekk?' Jekk inhu hekk ifisser li għadek ma sfruttajtx biżżejjed għat-tajjeb dak li ġralek." Dak li ma naċċettax fija u fl-istorja tiegħi jibqa' jaffettwani b'mod negattiv u jsirli għajn ta' turment kontinwu. Għall-kuntrarju, l-aċċettazzjoni tiegħi nnifsi u tal-istorja tiegħi hija ċ-ċavetta li tiftaħli l-bieb biex induq il-paċi vera. Li tħossok fil-verità, fil-paċi, rikonċiljat miegħek innifsek u mal-istorja tiegħek, hija forsi waħda mill-isbaħ esperjenzi li nistgħu ngħaddu minnhom fil-mixja tal-ħajja!



Li nkun fil-verità mal-oħrajn ifisser li sakemm jiddependi minni u sakemm inkun nista' nipprova nersaq kemm jista' jkun lejn rapport veru, sinċier, trasparenti mal-oħrajn. "L-ikbar att ta' karità li nista' nagħmel lil xi ħadd ieħor jew li ħaddieħor jista' jagħmel lilek," kien qal Fr John Powell SJ, "huwa li tgħid il-verità." Jum fost l-oħrajn fil-fraternità tagħna qattajna għodwa flimkien u għedna lil xulxin b'libertà u b'sinċerità l-kwalitajiet sbieħ li naraw f'xulxin. Tisma' affarijiet li ma tkunx tobsorhom. Kien hemm min anki kkommova ruħu meta sema' lil ħutu jiftħulu għajnejh fuq is-sabiħ li hemm fih. Dan l-eżerċizzju għenna nduqu s-sbuħija li nkunu fil-verità ma' xulxin. Għamlilna tajjeb għar-ruħ u għall-ġisem. Kebbsilna iktar fiduċja fina nfusna u f'xulxin. Ħassejna ruħna nistrieħu fis-sliem.

Però li nkunu fil-verità ma' xulxin ifisser ukoll li nkun kapaċi ngħid lill-ieħor dak li nħoss li jista' jtejjeb waqt li nħalli lilu jiftaħli f'għajni wkoll dwar 'it-travu li għandi f'għajnejja jien' (Mt. 5:3). "Min verament iridlek il-ġid," kiteb Fr Powell, "jgħidlek mhux dak li trid tisma' imma dak li għandek bżonn tisma'." Xi minn daqqiet mhux faċli nisimgħuha l-verità għax ma tkunx iddoqq ħelwa għal widnejna. Imma biss jekk jirnexxilna nilqgħu xi kritika vera dwarna nfusna nistgħu verament nikbru u nimmaturaw u nsiru dejjem iktar persuni liberi u fil-paċi magħna nfusna u mal-oħrajn.

Fl-aħħar nett il-paċi ma tkunx sħiħa fina jekk ma nkunux fil-verità ma' Dak li 'jgħarbilna u jagħrafna' u li 'sawwar il-ġewwieni tagħna' (Salm 139:1.13), jiġifieri quddiem Alla. Il-verb "jagħraf" hawnhekk ifisser mod ta' għarfien




profond ħafna. Il-Kardinal u biblista Mons. Gianfranco Ravasi jgħid hekk dwar it-tifsira ta' dan il-verb: "ifisser penetrazzjoni totali ta' min qed jagħraf fl-oġġett li qed jingħaraf, hekk li l-oġġett li qed jingħaraf isir kważi kważi possedut minn min qed jagħrfu. U dan tabilħaqq hu minnu meta min qed jagħraf huwa Alla, Dak li jagħraf kollox għax ħalaq kollox." L-għarfien tagħna nfusna bħala ħlejjaq minfuda u mħaddna mill-ħarsa kollha tjieba u mħabba ta' Ħallieq li ismu huwa mħabba u ħniena u huwa għajn ta' vera paċi li taħjina, tfejjaqna u tqawwina biex inkunu nifilħu għal kull forma ta' għawġ li l-ħajja tlaqqagħna miegħu, kultant bla ma tavżana.

Nawguraw lil xulxin li nkunu nies veri: veri magħna nfusna, mal-oħrajn u quddiem Alla. Għax "il-verità teħlisna" (Ġw. 8:31), kif qalilna Ġesù. Il-verità ddewweb il-maskri li għandna ħabta nxiddu biex ninħbew minna nfusna, mill-oħrajn u saħansitra minn Alla. Il-verità teħlisna mill-illużjoni li jkollna dwarna nfusna, dwar l-oħrajn u dwar Alla. U min jikseb dan it-tip ta' ħelsien, din il-libertà hienja, issib li għandu f'qalbu paċi kbira. Il-paċi hija frott il-libertà, libertà li tkun imsejsa fuq il-pedament tal-verità. ■

# Padre Pio u l-ewkaristija (It-Tielet Parti)

Padre Pio jurina t-triq: "Itlob, ittama, tinkwetax"



Vincent Vella OFS

**Riflessjonijiet ta' San Piju:**

- Elf sena tgawdi l-glorja kollha tad-dinja ma jiswewx imqar daqs siegħa waħda mgħoddija f'diskursata ħelwa ma' Ġesù fis-Sagrament Imqaddes.
- Ejjew nersqu lejn l-Ewkaristija bl-imħabba u bil-biża'. Jalla l-ġurnata tkun kollha tħejjija u ringrazzjament għat-tqarbin imqaddes.
- L-iktar triq żgura biex aħna nilqgħu għall-mard tar-ruħ li aħna mdawrin bih hi li nsaħħu lilna nfusna bl-ikel ewkaristiku.
- Dejjem żomm qrib il-Knisja Kattolika, għax hija biss tista' tagħtik il-paċi vera, u dan għaliex hi biss għandha fis-Sagrament Imqaddes lil Ġesù, il-prinċep veru tal-paċi.
- "Qatt ma għandek tibqa' lura milli tersaq lejn l-Ikla Mqaddsa tal-Ħaruf Divin, għax ħadd aktar ma jista' jqawwi lir-ruħ ħlief ir-Re tagħha; xejn ma jsaħħanha daqs ix-Xemx tagħha; xejn ma jista' jhenniha b'daqshekk ħlewwa daqs il-Balzmu tiegħu. M'hemmx rimedju iktar qawwi minn dan..."

## ĠESÙ ĦAJ FL-OSTJA MQADDSA

Patri Piju kellu devozzjoni speċjali lejn il-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù. Huwa rnexxielu jilħaq din l-għaqda intima mal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù l-ewwel u qabel kollox permezz ta' fidi qawwija li ispiratu matul ħajtu kollha, li ħaffet it-triq diffiċli tiegħu, li ispirat it-talb kollu tiegħu u li għenitu fil-tbatijiet kbar tiegħu. Iktar minn hekk, huwa kien jgħix f'għaqda intima mal-Qalb ta' Ġesù realment preżenti fl-Ewkaristija. Min jaf kemm qatta' sigħat twal jadura fis-skiet, fil-post favorit tiegħu, il-gallerija tal-kappella, għax kienet l-eqreb rokna lejn l-artal tal-Mulej! Mhux ta' b'xejn li hu kien jgħid lill-ulied spiritwali, "Meta tridu ssibuni ejjew qrib it-tabernaklu."

U kif kien jintilef f'estasi, meta bi mħabba kbira kien jikkontempla l-Ostja mqaddsa kull meta bil-mod il-mod kien jgħolliha 'l fuq biex tbierek mhux biss il-folla preżenti imma d dinja kollha kemm hi! F'dawk il-mumenti kien jitlob biex mill-Qalb Ewkaristika ta' Ġesù toħroġ xmara ta' grazzji – biex tikkonverti l-midinbin, biex tfarraġ lill-imnikktin, biex tqaddes l-erwieħ ikkonsagrati, biex tkattar il-ġid

fuq il-Knisja kollha u għas-salvazzjoni tal-bnedmin. F'dawk il-mumenti żgur li Patri Piju kien jerġa' jisma' f'widnejh il-kelmiet ta' faraġ li qalilna Ġesù fl-Evanġelju ta' San Mattew: "Ejjew għandi, intom ilkoll li tinsabu mħabbtin u mtaqqlin, u jien inserraħkom." (Mt. 11:25-30)

## JGĦIX MILL-ĠDID IS-SAGRIFIĊĊJU TAL-KALVARJU

L-għaqda intima ta' Patri Piju mal-Qalb ta' Ġesù kienet tilħaq il-qofol tagħha waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa, l-akbar u l-aqwa ċelebrazzjoni ewkaristika. Kien ikun il-mument l-aktar solenni meta huwa kien jaqsam fit-tbatijiet tal-Passjoni tas-Sinjur tagħna Ġesù Kristu u f'dan il-waqt huwa nnifsu kien jerġa' jgħix mill-ġdid bl-iktar mod impressjonanti u tal-għaġeb.

Tajjeb li nifhmu li l-Passjoni ta' Ġesù kienet tinqasam fi tlieta. *Il-passjoni tal-ġisem* meta kien imsawwat, imsallab u maqtul. *Il-passjoni tal-ġieħ mitluf* meta bl-ikbar disprezz kien ikkundannat għall-mewt bla ħtija u l-mewt fuq is-salib, kastig merfugħ għall-iskjavi u l-agħar nies. *Il-passjoni tal-qalb*, speċjalment fl-ort tal-Ġetsemani u fuq is-salib, għat-tradiment ta' Ġuda l-Iskarjota, l-abbandun tal-appostli, l-ingratitudni tal-poplu li kien ħabb, u l-għarfien minn qabel li minkejja s-sagrifiċċju tiegħu kien hemm erwieħ li xorta waħda se jagħżlu t-triq tal-infern. Waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa Patri Piju kien jerġa' jgħix mill-ġdid dawn it-tliet passjonijiet ta' Ġesù, imma l-aktar li kien iħoss kienet il-passjoni tal-qalb, bis-sentimenti, bit-tbatijiet u bl-agunija tiegħu.

Kif hu stess kien jiċċelebra u jgħix il-quddiesa, Padre Pio xtaq li wliedu spiritwali jieħdu sehem fis-sagrifiċċju mqaddes mingħajr distrazzjoni u fil-ġabra. Huwa kellu għarfien sħiħ tal-valur infinit tal-quddiesa u għalhekk kien f'qagħda li jagħti pariri siewja lid-devoti tiegħu. Hu kien qal, "Ejjew nassistu għall-quddiesa bl-akbar ferħ għaliex hija realment il-Kalvarju fejn Ġesù wettaq il-fidwa tagħna fil-preżenza ta' Missieru; u ejjew ma nħallux din il-muntanja b'indifferenza meta tispiċċa l-quddiesa bħallikieku konna assistejna għal xi spettaklu komuni. Kunu tassew niedma minn dnubietkom, imma fl-istess ħin kunu kunfidenti mill-ġustizzja divina."

## ASSISTIET GĦALL-QUDDIESA TIEGĦU

Persuna li attendiet għall-quddiesa ta' Patri Piju ddeskriviet dak li rat quddiemha: "F'għajnejh stajt nilmaħ l-espressjoni ta' omm imnikkta li qed tassisti għall-agunija ta' binha fuq il-forka u qed taraħ jispira... U hi fgata bis-sofferenza, fis-silenzju tilqa' f'dirgħajha l-ġisem ta' binha bla demm u bla ħajja, biex tkun tista' tagħtih biss xi karezza ħafifa..." ■





# Isa, **Pa!**



Patri Mario Attard OFMCap

**L-isptar huwa l-post fejn iseħħ l-imprevedibbli. Jiġifieri dak li qatt ma toħlom f'mitt sena li se jsir, arah iseħħ quddiem għajnejk!**

Hekk ġara jum minnhom waranofsinhar. Il-pager daqqli u kelli mmur niġri, b'kemm il-Mulej tani saħħa, lejn ir-Resuscitation Unit. Dħalt. Quddiemi kien hemm ġemgħa tobba u infermiera madwar raġel anzjan. Biswit rasu kien hemm ibnu, li leħnu għadni nisimgħu qisu issa, jgħajjat: "Isa, pa! Jaħasra! Ibqa' magħna! Titlaqniex! Aħna nħobbuk! Żgur li se tibqa' magħna! Vera? Żgur li m'intix se tħallina hekk, bħall-Erbgħa fost il-ġimgħa! Għandek in-neputijiet qegħdin jistennewk la mmorru lura d-dar. Isa, pa! Tgħidlix li se tħallina! Ibqa' ġġieled naqra oħra! Uri x'taf! Int ma tistax tmur in-naħa l-oħra."

It-tobba u l-infermiera baqgħu għaddejjin b'xogħolhom, filwaqt li l-iben baqa' jżomm ras missieru. "Għandna pulse. Imma ma nafx kemm se jżommu." Hekk qal it-tabib, b'kawtela mill-aktar kbira. Qal hekk għax responsabbli. Jaf sewwa li l-agħar ħaġa li jista' jiġrilhom il-familjari ta' pazjent hija meta jingħataw tama qarrieqa. Għalhekk is-CPR baqa' għaddej, sakemm fl-aħħar it-tabib kellu jitħaddet ċar u tond dwar is-sitwazzjoni. "Nagħmlu żewġ minuti oħra mbagħad nieqfu." Dlonk leħen it-tifel reġa' nstema': "Isa, pa! X'se tagħmel? Iddeċiedi. Jew magħna jew le. Jew fis-sema, inkella ibqa' magħna. Ma tistax tibqa' mdendel hekk. Jekk jogħġbok iddeċiedi! Isa, pa!"

U l-"Isa, pa!" kellha, trid jew ma tridx, tasal sa denbha. Wara li t-tabib inkarigat mis-CPR ħa l-parir ta' kulħadd, is-CPR waqfet. "Mur fis-sema, pa!" instema' jgħid leħen iż-żagħżugħ, mimli niket. Daqshekk! Ir-raġel ma setax jibqa' jissielet aktar. Kellu jċedi l-armi. Ġie f'pajjiżna jgawdi l-familja tiegħu. Ġie mimli ħeġġa u mħabba għal artna. Imma issa kellu jittieħed lura f'pajjiż ieħor. F'kaxxa. Mingħajr ħajja.

Martu kienet qed tassisti għal din ix-xena tal-biża'. Hemm, in-naħa l-oħra ta' binha, siekta. Min jaf minn liema baħar ta' inkwiet kienet għaddejja tgħum qalbha? L-għaliex hi tabilħaqq kerha li tkun qed tieħu pjaċir u jiġrilek li titlef lil xi ħadd għażiż għalik hekk, habta u sabta. Titlef lil xi ħadd li miegħu tkun waqqaft familja; tkun qsamt ħajtek. U xi tħalli esperjenza bħal din? Għadni niftakar qisu issa l-frażi li qal it-tifel hekk kif missieru ħa l-aħħar nifsijiet: "Ma nistax nemminha! Lanqas kieku rrid! Kif jista' jkun li nniżżilha? Moħħi ma jistax jaħseb dan li qed iseħħ quddiemi!"

Kif jibblokkja l-moħħ, hux, quddiem sitwazzjonijiet bħal dawn? Kif bniedem ma jibqax jirraġuna aktar? Mhux l-għaliex ma jkunx irid, imma proprju l-għaliex ma jkunx jista' jieħu aktar ġo fih. U x'jiġri? Jiġri li jkollu jħabbat wiċċu mal-mużika qalila tal-mument, jiġifieri dik il-mużika mqanżħa tar-realtà krudili.

Personalment ħassejt ħafna għalihom. Ġew f'pajjiżna biex igawdu l-familja u issa, ftit jiem wara li ġew, kellhom idabbru rashom lura lejn pajjiżhom b'daqshekk f'dulur f'qalbhom. "Almenu miet f'pajjiżu," issokta jgħid l-iben. Iva. Straħ fl-art li fiha ommu l-għażiża tatu l-ħajja. U issa, wara din it-traġedja kollha, kien se jittieħed biex jindifen fl-istess art fejn ommu qed tistrieħ fis-sliem.

Mur ifhimha l-ħajja! Sitwazzjonijiet bħal dawn jipparalizzawk tabilħaqq. X'taqbad tgħidilhom lil dawn l-aħwa, għajr li tismagħhom u toffrilhom il-preżenza tiegħek? Liema kliem jista' tabilħaqq isabbarhom? Niftakar li meta, fuq talba tagħhom stess, tlabt talba magħhom, ibnu qalli: "Ġib lil missieri mill-ġdid għall-ħajja!" Kerha r-realtà tal-mewt zoptu. U wieħed irid iż-żmien biex, bil-mod il-mod, u bil-grazzja tal-Mulej, iħalliha ssir parti mill-istorja li jkun għadda minnha.

Imma anki fil-paraliżi ejjew ma naħarbux! F'dik is-sitwazzjoni kont ittentat mhux ftit biex nitħaddet, biex ngħid xi ħaġa, basta ma nħossx jien ukoll l-iskumdità u t-tbatija li kienu qegħdin iħossu l-omm u l-iben. Imma llum, wara daqshekk snin, niżżi ħajr lill-Mulej li bqajt sieket, u li bis-skiet tiegħi weġibt bil-kuraġġ li tani l-Mulej għall-paraliżi li jiena wkoll ħassejt magħhom f'dak il-waqt. Għax kulma kien hemm bżonn kien li nibqa' hemm, magħhom, f'dak il-mument mill-aktar aħrax ta' diqa mill-kbar nett.

Kemm deher jagħmel sens għalija dak li jgħidilna San Ġwann fuq Marija, li kienet preżenti waqt li Ġesù kien qiegħed imut: "Kien hemm wieqfa ħdejn is-salib ta' Ġesù ommu, oħt ommu, Marija ta' Kleofa u Marija ta' Magdala" (Ġw. 19:25). Hemm hi! Marija! L-addolorata! Marija, li rat lil binha jmut. Li ratu litteralment jitbiċċer taħt dik il-ħruxija kollha tas-suldati. Li rat l-idejn u r-riġlejn tiegħu jiġu minfuda. Ratu jiġġieled għall-aħħar nifs ta' ħajtu. Min jaf jekk riditx titkellem? Min jaf jekk ħassitx li kellha tesprimi bil-kliem dak li kienet qed tħoss qalbha f'dak il-mument?

Anki jekk hi tassew iebsa li nagħtu tweġiba għal dan, ħaġa waħda dehret ċara kristall: hija baqgħet hemm! Wieqfa, imnikkta, iżda determinata! Bħalma ta l-grazzja lili l-Mulej f'dan il-waqt iebes għal din il-familja, li nibqa' hemm, imwaħħal mal-art, mal-omm u l-iben, f'din l-agunija tar-raġel miżżewweġ u tal-missier ta' familja li ħalliena ħesrem.

"Isa, pa!" Dak li għajjat l-iben. U għajjatha ta' iben li jħobb bi mħabba kbira lil missieru. L-"Isa" biex jibqa' magħhom saret l-"Isa" biex jiddeċiedi jekk iridx jibqa' hawn, inkella jmur. U mbagħad, wara li ddeċieda, l-"Isa" saret biex imur ħa jistrieħ, ħa jibda kapitlu ġdid u dejjiemi fl-eternità... ■

# San Mikiel Arkanġlu il-prinċep tal-anġli (L-Ewwel Parti)



Mons. Joe Alessandro OFMCap
Isqof Emeritu ta' Garissa, il-Kenja

**L-isem "Mikiel" ġej mill-isem Lhudi "Micah" jew "Mi-ka-El", li jfisser "Min hu bħal Alla?" San Mikiel Arkanġlu huwa wieħed minn seba' arkanġli u wieħed minn tlieta biss li jissemmew b'isimhom fil-Bibbja. Iż-żewġ arkanġli l-oħra huma San Rafel, li jfisser "id duwa ta' Alla", u San Gabrijel, li jfisser "il-qawwa ta' Alla".**

**San Mikiel Arkanġlu jissejjaħ "il-Prinċep tal-Anġli", "il-Prinċep il-Kbir" (Dan. 12, 1); "il-Prinċep tagħkom Mikiel" (Dan. 10, 21).**

**Aħna nirreferu għal dawn it-tliet arkanġli bil-kelma "San" mhux għax kienu persuni umani li minħabba l-ħajja tajba tagħhom ġew iddikjarati qaddisin, bħallikieku wara mewthom marru l-ġenna.**

## SAN MIKIEL ARKANĠLU FIL-BIBBJA

Fil-Bibbja nsibu erba' referenzi għall-Arkanġlu San Mikiel: darbtejn fit-Testment l-Antik u darbtejn fit-Testment il-Ġdid. Fit-Testment l-Antik jissemma darbtejn fil-Ktieb tal-Profeta Danjel (Dan. 10, 13 u 12) bħala l-prinċep li jindokra l-poplu t'Alla meta dan kien imjassar fil-Babilonja. Għal din ir-raġuni l-Lhud iqisu lill-Arkanġlu San Mikiel bħala l-protettur tagħhom.

Insibuh imbagħad fit-Testment il-Ġdid, fl-Ittra ta' San Ġuda, li fiha jingħad li kien hemm tilwima max-xitan dwar il-ġisem ta' Mosè, fejn naqraw li l-Arkanġlu Mikiel ħadha max-xitan u qallu: "Ħa jrażżnek il-Mulej" (vers 9).

Imbagħad lil San Mikiel nerġgħu nsibuh fil-Ktieb tal-Apokalissi (12, 7-9), li jitkellem dwar it-taqbida bejn San Mikiel u l-anġli tiegħu fuq naħa u Satana, raffigurat bħala d-dragun, u l-anġli tiegħu fuq in-naħa l-oħra. San Mikiel u l-anġli tiegħu rnexxielhom jegħlbu lil Satana. F'din il-ġlieda San Mikiel huwa mlibbes bl-armatura ta' Alla. San Pawl, fl-ittra tiegħu lill-Efesin jistedinhom, u anki lilna bħala Nsara, ħalli nilbsu din l-armatura biex bħal San Mikiel u ma' San Mikiel Alla jrażżan lix-xitan: "Mill-bqija twettqu fil-Mulej u ssaħħu bil-qawwa tiegħu. Ilbsu l-armatura ta' Alla biex tkunu tifilħu tieqfu għat-tnassis tax-xitan. Għax il-ġlieda tagħna mhijiex kontra d-demm u l-laħam, imma kontra s-setgħat, kontra l-qawwiet, kontra l-prinċpijiet ta'

din id-dinja ta' dlamijiet, kontra l-ispirti ħżiena li jgħammru fil-wisa' tas-smewwiet. Għalhekk ħudu fuqkom l-armatura ta' Alla, ħalli tkunu tistgħu tieqfu fi żmien il-ħażen u, wara li tkunu għamiltu ħilitkom kollha, iżżommu weqfin. Żommu sħiħ, mela, ħażżmu ġenbejkom bil-verità, ilbsu l-kurazza tal-ġustizzja, u xiddu riġlejkom bil-ħeġġa tal-Evanġelju tas-sliem; ħudu f'idejkom it-tarka tal-fidi, li biha tistgħu titfu l-vleġeġ kollha tan-nar tal-ħażin." (Ef. 6, 10-16)



Fil-Bibbja hemm ukoll referenzi oħra għal xi anġlu li ismu mhux indikat iżda xi teologi jaħsbu li seta' kien San Mikiel, bħal, ngħidu aħna, l-anġlu msemmi fil-Ġenesi (3, 24) meta Alla keċċa lil Adam u lil Eva wara li dinbu u poġġa anġlu għassa mal-bieb tal-Ġenna tal-Art, u wkoll bħala l-anġlu li ħarbat l-armata ta' Sennakerib (2 Slaten 19, 35).

Funzjonijiet ta' San Mikiel misluta mill-Iskrittura u mit-tradizzjoni Nisranija. Kemm mill-Iskrittura kif ukoll mit-tradizzjoni Nisranija nsibu ħames funzjonijiet prinċipali li għandu l-Arkanġlu San Mikiel:

- dik li jiġġieled lix-xitan
- dik li jħares lill-morda
- dik li jsalva l-erwieħ fil-punt tal-mewt
- dik li jieħu l-erwieħ għand Alla għall-ġudizzju
- dik li jipproteġi lill-Knisja

Minbarra r-referenzi mill-Iskrittura, kif diġà rajna, insibu diversi ġrajjiet fl-istorja tal-Knisja li fihom deher l-Arkanġlu San Mikiel.

## IS-SANTWARJU TAL-ARKANĠLU SAN MIKIEL FUQ IL-MUNTANJA TAL-GARGANO

L-oriġini tas-santwarju tal-Arkanġlu San Mikiel fuq il-Gargano tmur lura għas-sena 490. Skont it-tradizzjoni, raġel għani, ċertu Elvio Emanuele, ħa l-merħla tiegħu tirgħa fuq il-Muntanja Gargano. Barri ħarablu mill merħla u dam ħafna jfittxu. Meta sabu midrub quddiem l-għar, biex ma jħallihx ibati Elvio sparalu vleġġa, imma l-vleġġa daret lura lejh u spiċċat tolqotu siequ stess. Imbagħad b'dak li ġara Elvio rħielha għal għand l-isqof tal-post u tarraflu b'dak li ġara.

Wara li l-isqof talab u sam għal tlett ijiem, l-Arkanġlu San Mikiel deherlu u qallu: "Jiena l-Arkanġlu Mikiel. Jiena dejjem fil-preżenza ta' Alla. L-għar huwa qaddis għalija. Għażiltu jien.

Jiena nnifsi l-ħarries tiegħu... Dak li jintalab hawnhekk jiġi maqlugħ. Għalhekk mur fuq il-muntanja u ddedika l-għar lir-reliġjon Nisranija." Sfortunatament l-isqof ma tax widen għal din it-talba ta' San Mikiel għaliex dak l-imkien kien post fejn il-pagani kienu jqimu l-allat foloz tagħhom.

Sentejn wara, jiġifieri fis-sena 492, in-nies ta' dawk l-inħawi ġew assedjati mill-għadu tagħhom. L-isqof irnexxielu jikseb ftehim ta' tlett ijiem ta' waqfien mill-ġlied. Tul dawn il-jiem sam u talab b'fidi kbira. Fit-tielet jum deherlu l-Arkanġlu San Mikiel u qallu li n-nies tal-belt kienu se jirbħu l-battalja. Dan il-messaġġ tant mela b'kuraġġ lin-nies tal-belt li, imsieħba minn dawl qawwi u ragħad, ħarġu u qerdu lill-għadu f'ħakka t'għajn.

Meta ra din ir-rebħa ssir quddiem għajnejh l-isqof reġa' lura minn fehmtu u ħaseb biex jikkonsagra l-għar imqaddes, kif kien ħeġġu jagħmel San Mikiel Arkanġlu. Imma l-Arkanġlu deherlu u qallu li l-għar kien diġà kkonsagrah hu stess. Minħabba dan il-fatt tal-għaġeb din il-bażilika tissejjaħ "il-Bażilika Ċelesti", jiġifieri "l-Bażilika tas-Sema", l-għaliex ma ġietx ikkonsagrata minn idejn il-bnedmin. B'ferħ mill-aktar kbir l-isqof qaddes quddiesa f'dan il-post imqaddes fid-29 ta' Settembru tas-sena 493.

Ftit aktar minn mitt sena wara l-abitanti ta' Manfredonia talbu lill-Arkanġlu San Mikiel biex jeħlishom mill-għadu tagħhom. Din it-talba nstemgħet, u biex ifakkru din ir-rebħa l-knisja f'Manfredonia waqqfet festa bħala radd ta' ħajr lil Alla li bl-interċessjoni ta' San Mikiel Arkanġlu ħelishom mill-għadu. Minn dak iż-żmien l-Arkanġlu San Mikiel beda jitqies ukoll bħala protettur tal-kavallieri u tal-paratruppi militari, biex jipproteġihom mill-għadu.



Fl-1656 in-naħa t'isfel tal-Italja kienet maħkuma mill-marda qerrieda tal-pesta. Quddiem din l-epidemija, li ħalliet eluf ta' nies mejta, l-Arċisqof tal-post Alfonso Puccinelli sam u talab lil San Mikiel Arkanġlu. Barra minn hekk kiteb talba u poġġieha quddiem l-istatwa tal-Arkanġlu li hemm fis-santwarju tiegħu fil-Gargano. Bl-intervent ta' San Mikiel Arkanġlu l-pesta ntemmet.

Matul iż-żminijiet is-santwarju fuq il-muntanja tal-Gargano kien post li ra eluf ta' pellegrini jżuruh. Fost l-għadd bla tarf ta' pellegrini li telgħu fuq il-Muntanja Gargano nsibu xi papiet, anki reċenti, fosthom San Ġwanni XXIII meta kien għadu kardinal u San Ġwanni Pawlu II. Ma' dawn nistgħu nżidu wkoll xi qaddisin, bħal San Franġisk t'Assisi, li ma ħassux denn li jidħol fl-għar imqaddes tal-Gargano iżda waqaf għarkupptejh fid-daħla tiegħu, u San Piju ta' Pietrelcina, li ġieli bagħat xi penitenti jitolbu f'dan l-għar. Ta' min isemmi li kemm San Franġisk kif ukoll San Piju ta' Pietrelcina rċevew il-pjagi mqaddsa fi żmien ta' tħejjija bis-sawm, it-talb u l-penitenza għall-festa ta' San Mikiel Arkanġlu, liema żmien San Franġisk kien isejjaħlu "r-Randan ta' San Mikiel". ■

# Il-qawwa tat-talb **Sharks!** (Ir-Raba' Parti)



Mary C. Attard

**Kont Cabo Verde, grupp ta' gżejjer ftit 'il barra mill-Punent tal-Afrika. In-nies suwed ħafna, razza Afrikana. Kont fuq waħda mill-iżgħar gżejjer li hemm. Minn kull fejn ngħaddi jħarsu lejja għax b'ġilda bajda, għax huma mdorrijin bit-turisti mill-Afrika u kienu qed jarawni stramba.**

Għal xi d-disgħa ta' filgħodu mort ngħum qrib il-lukanda. Sibt rokna fejn ma tantx kien hemm nies u wara ftit inżilt ngħum. Xi siegħa wara bdew ġejjin f'salt ħafna tfal. Niżlu jgħumu ħdejja u f'kemm ilni ngħidlek sibt ruħi ċ-ċentru ta' ċirku iswed. Bdew jistaqsuni u jien ma nifhem xejn. Kellimthom bl-Ingliż. Għedtilhom li ma kontx qed nifhimhom. Iżda daqskemm kont qed nifhem lilhom jien fehmuni huma!

Qbadt u tlajt mill-baħar u bdejt miexja tul il-bajja, sakemm sibt post fejn ma kienx hemm wisq nies. Lestejt biex nerġa' ninżel ngħum, meta fil-baħar nilmaħ tlett iklieb il-baħar: sharks kbar, xi seba' piedi tul! Kienu resqin lejn tlett itfal qed jgħumu fil-baxx. Inħsadt u kont sejra niġbed lil dawk it-tfal lejn l-art.

Indunajt li ommhom u missierhom kienu hemm, bilqiegħda fuq ir-ramel. Żgur li rawhom ix-sharks! Kif ma ċċaqalqux? Bqajt inħares ċassa. Ix-sharks baqgħu għaddejjin qrib it-tfal u baqgħu sejrin jgħaddu minn bejn in-nies. In-nies bdew iqumu bilwieqfa u jgerrxuhom b'idejhom 'l hemm minnhom. Baqgħu sejrin sal-post fejn kont qed ngħum jien fil-bidu, imbagħad daru u telqu 'l barra. Bdejt naħsibha ninżilx ngħum. Tgħid jerġgħu jiġu? Bżajt, ilbist u tlaqt lejn il-lukanda.

L-ewwel ma staqsejt lill-propjetarju tal-lukanda kien jekk ix-sharks t'hemmhekk kinux perikolużi. Ir-risposta ġiet ċara u tonda. "For us, no. For you, yes!" Staqsejtu xi jrid jgħid biha u qalli li x-sharks ma jattakkawx lin-nies suwed imma lill-bojod biss! Tkexkixa bard ġriet ma' ġismi kollu. Mela kieku lħaqt inżilt ngħum ara kif kienu jtertquni tliet sharks bħal dawk!

"Għax m'għedtlix?" staqsejtu.
"Għax ħsibtek taf!" qalli.

Imbagħad qalli li ftit 'il bogħod kien hemm bajja oħra, magħluqa bix-xibka sa qiegħ il-baħar biex ix-sharks ma jidħlux 'il ġewwa. Qiegħda apposta għat-turisti. "Hemm tkun tista' tgħum b'rasek mistrieħa."

Grazzi, Mulej. X'waħda ffrankajtli! ■



Joseph C. Camilleri
BA, DEAM, M.Ed. (Pl. & Mgt)



## Xandru Farrugia, familtu u xogħlijiet artistiċi

# Il-kurċifiss tal-Kapuċċini fil-Kalkara (Id-Disa' Parti)

**Jekk tiftaħ il-ktieb ta' Pietro Paolo Castagna, *Lis Storja ta' Malta Bil-Gzejer tahha*, Vol III, li ħareġ fl-1890, ftit wara l-mewt ta' Xandru Farrugia (1781-1871), f'paġna numru 205 ssib lista ta' xogħlijiet li ħoloq dan l-iskultur bravu miż-Żejtun, u fiha ma hemm ebda referenza għall-kurċifiss tal-patrijiet Kapuċċini fil-knisja konventwali tagħhom. Madankollu l-kittieba Stanley Mangion u Christopher Magro fil-ktieb tagħhom *Skulturi Maltin tal-Iskola Spanjola*, li ħareġ fl-2013, kitbu li l-kurċifiss kien imdendel fil-kor ta' fuq (il-gallerija tal-orgni). Huma jikkwotaw lil Pietru Pawl Castagna, li jsemmi li dan il-kurċifiss hu xogħol tal-iskultur Żejtuni Mastru Xandru.[1]**



| *Mastru Xandru Farrugia*

Dan il-kurċifiss sar fl-1851 u hu minqux fl-injam. Skont l-għajdut dan il-kurċifiss hu xogħol wieħed mill-aqwa studenti tal-iskultur Tarxiniż Mariano Gerada - Alessandro Farrugia, skultur li kien aktar magħruf bħala Mastru Xandru.

## IL-KURĊIFISS

Il-kurċifiss juri s-sagrifiċċju, l-impenn, il-fidwa u fuq kollox l-imħabba ta' Kristu lejn il-bniedem. Il-figura Kristoloġika hija waħda sempliċi, waħda anqas grotteska jew drammatika. Hi aktar iffukata fuq il-ġrieħi li sofra Ġesù Kristu matul il-passjoni u fuq is-salib.

Il-figura qed tiġi restawrata minn Atelier del Restauro. Ix-xogħol fuq din il-figura sagra mhux wieħed faċli. Matul is-snin, għal diversi drabi, il-figura Kristoloġika nżebgħet forsi nżebgħet iżżejjed. Din iż-żebgħa kollha wasslet biex tbiddel

Referenzi:

1. Mangion S., Magro Ch., *Skulturi Maltin tal-iskola Spanjola*, Pubblikazzjoni tax-Xirka tal-Isem Imqaddes t'Alla, Print Right Ltd, Ħal Qormi, 2013, pp 152-153.

il-kwalitajiet estetiċi ta' din l-opra tal-arti. S'issa ġew identifikati mill-inqas żewġ saffi ta' żebgħa żejda, għalkemm hemm il-probabbiltà li hemm aktar saffi. Hekk taħseb is-Sinjura Zenzani, membru tal-Atelier del Restauro. Għalhekk qabel isir il-'veru' xogħol ta' restawr qed isirulu sensiela ta' testijiet ta' osservazzjoni u investigazzjoni xjentifika biex nifhmu aħjar is-sitwazzjoni li jinsab fiha l-kurċifiss. Barra minn hekk irridu nkunu nafu aktar mill-qrib kif l-iskultur Alessandro Farrugia kien jaħdem, ħalli nsiru nafu 'l dan il-bravu skultur aktar mill-qrib. Barra minn hekk, billi l-figura, bħal kull figura msallba ta' Kristu, għandha l-kuruna tax-xewk fuq rasha, ir-restawr ser jikxef jekk din il-kuruna hijiex l-oriġinali jew jekk ġietx miżjuda aktar tard. Din hi parti mill-istorja ta' dan il-kurċifiss.

## IL-KNISJA KONVENTWALI

Il-kurċifiss jifforma parti mill-patrimonju tal-knisja konventwali tal-patrijiet Kapuċċini, iddedikata lil Santa Barbara, martri, għalkemm hija aktar magħrufa bħala "l-knisja ta' Santa Liberata", fil-Kalkara. Il-kunvent u l-knisja nbnew fuq art mogħtija minn ċertu wieħed Ġużeppi Abela. Saret talba biex jinkisbu l-permessi meħtieġa u fl-istess ħin jinġabru l-flus biex jinbeda l-bini. Ix-xogħol tal-bini beda fl-1736.

## RESTAWR TAL-OPRA

Inħarsu 'l quddiem biex inkunu nafu aktar fuq din l-opra tal-arti, opra li min għandu għal qalbu l-wirt artistiku u sagru tal-gżejjer Maltin hu anzjuz biex ikun jaf aktar dwarha. Napprezzaw ferm il-ġest sabiħ u nobbli li l-Kapuċċini daħlu għalih, sabiex jirrestawraw din l-opra artistika ta' Mastru Xandru. Il-flus tar-restawr qed joħroġhom il-Bank of Valletta.

*Nota: Dan it-tagħrif hu mogħti mill-Bank of Valletta. Ta' dan ngħidilhom grazzi.* ■



# Mid-djarju tal-Kapuċċini Maltin



Br Miguel Zammit OFMCap
segretarju provinċjali

## 1. LAQGĦA TAL-KSMR MAN-NUNZJU L-ĠDID



Nhar is-Sibt, 17 ta' Diċembru 2022, fil-laqgħa tal-KSMR (il-Kunsill tas-Superjuri Maġġuri tar-Reliġjużi), li saret ġewwa Mount Saint Joseph, il-Mosta, il-provinċjali u d-delegati reliġjużi ta' Malta ltaqgħu man-Nunzju l-ġdid, l-Eminenza Tiegħu Monsinjur Hon Tai Fai, Sależjan. In-Nunzju kien akkumpanjat mis-Segretarju tiegħu, Mons. Denise Kuruppassery (Indjan). Fid-diskors tiegħu n-Nunzju kellu kliem inkuraġġanti għalina r-reliġjużi, u pprovokana biex inkomplu nitgħallmu kif nitkellmu bejnietna "l-lingwa komuni tal-fraternità". Wara l-laqgħa s-superjuri maġġuri kienu mistiedna flimkien man-Nunzju biex jieħdu xi ħaġa tajba flimkien u jagħtu l-awgurju tal-Milied lil xulxin. Meta l-Provinċjal tagħna, Fr Ivan Scicluna, kellu l-opportunità li jitkellem ftit man-Nunzju waqt dan il-party żgħir, in-Nunzju u s-segretarju tiegħu faħħru l-kontribut li Fr Hayden Williams ta fin-nunzjatura fis-snin li għaddew. Nirringrazzjaw lil Fr Hayden ta' din il-ħidma li wettaq għall-ġid tal-Knisja f'Malta u f'isem il-provinċja tagħna.

## 2. ŻJARA TAL-PATRIJARKA BARTOLOMEW I FIL-FAĊILITÀ KORRETTIVA TA' KORDIN



Waqt żjara ta' tlett ijiem f'Malta fuq stedina tal-Arċisqof Mons. Charles J. Scicluna, il-Patrijarka Ekumeniku l-Qdusija Tiegħu Bartolomew I għoġbu jagħmel waqfa qasira fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, fuq stedina taċ-chaplaincy immexxija minna l-Aħwa Kapuċċini. Mal-wasla tiegħu huwa ġie milqugħ fil-bitħa ewlenija mid-Direttur tal-faċilità u mogħti salut minn grupp ta' uffiċjali. Wara huwa ġie mistieden imur fil-kappella, fejn inqara l-Evanġelju. Wara l-Patrijarka għamel diskors li fih wera li aħna lkoll aħwa fi Kristu, u ħeġġeġ għall-paċi mhux biss ma' Alla u ma' xulxin imma wkoll mal-ħolqien. Huwa kien akkumpanjat minn tliet dinjitarji Ortodossi oħra flimkien ma' Mons. Hector Scerri. Preżenti kien hemm numru sabiħ ta' priġunieri Ortodossi u uffiċjali tal-faċilità. Fi tmiem dan il-mument sinifikattiv il-Patrijarka qassam salib żgħir lil dawk preżenti.

## 3. SURET IL-BNIEDEM

Fi żmien tal-Milied il-fondazzjoni tagħna Suret il-Bniedem kienet impenjata f'diversi attivitajiet li saru. Fil-weekend tas-Sibt 17 u l-Ħadd 18 ta' Diċembru, fuq stedina tal-fraternità tal-parroċċa tagħna ta' San Ġwann, Ħuna Elmar Pace u Anthony Debattista, general manager, flimkien ma' ħaddiema oħra, kellhom l-opportunità li fil-quddies kollu jkellmu lin-nies dwar din il-fondazzjoni. B'inizjattiva tal-istess parroċċa l-ġbir tal-quddies kollu mar b'risq din il-fondazzjoni. Kien mument sabiħ għal dawn il-ħaddiema tal-fondazzjoni, li kellhom iċ-ċans jaqsmu din l-esperjenza u x-xogħol tagħhom ma' nies li mhux dejjem ikunu konxju tax-xogħol tagħna f'din il-fondazzjoni. It-Tnejn, 12 ta' Diċembru, imbagħad, fil-knisja tagħna tas-Salib Imqaddes, il-Furjana saret quddiesa u wara party għar-residenti kollha tal-ħamest idjar tal-fondazzjoni tagħna. Il-quddiesa tmexxiet minn Ħuna Elmar Pace, akkumpanjat minn Ħuna Effie Mallia. Wara, permezz ta' festin ċkejken, ir-residenti flimkien mal-ħaddiema kellhom iċ-ċans li jkomplu jaqsmu flimkien il-ferħ tal-Milied. Kif saret it-tradizzjoni issa fil-kunvent tagħna tal-Kalkara, nhar il-Milied, għall-ikla ta' nofsinhar reġgħu kienu mistiedna r-residenti ta' żewġt idjar tal-Fondazzjoni



Suret il-Bniedem. Din is-sena kienu mistiedna r-residenti ta' Dar Victoria u Dar Franġisk, irġiel bi problemi mentali, flimkien mar-residenti ta' Dar Paul u Imelda, nisa bi problemi mentali. Dawn ir-residenti kielu mal-fraternità u b'hekk tassew kien mument li fih aħna bħala Knisja naqsmu l-mejda tagħna ma' dawk fil-bżonn. Inroddu ħajr lil Alla ta' din il-fondazzjoni u tal-ġid li qed joħroġ, u tkun ħaġa sabiħa jekk noħolqu dejjem aktar inizjattiva biex din il-fondazzjoni tkompli ssir aktar magħrufa ħalli b'hekk tingħata aktar għajnuna u anke aktar dinjità lil dawn il-persuni li jgħixu fiha.








## 4. IRTIR TAL-AVVENT GĦALL-AĦWA TAL-PROVINĊJA

Nhar it-Tlieta, 6 ta' Diċembru 2022 l-aħwa tal-provinċja nġabru għal mument ta' riflessjoni u ġabra bħala preparazzjoni għall-festi tal-Milied. Dan in-nofstanhar irtir sar fid-dar Mount St Joseph, il-Mosta u tmexxa minn Fr Kevin Schembri, qassis djoċesan. F'dan il-ħin l-aħwa preżenti mhux biss kellhom l-opportunità li jisimgħu l-Kelma u riflessjoni fuqha imma anke mument ta' ġabra u skiet personali. Dan in-nofstanhar għalaq b'mument ta' adorazzjoni komunitarja u b'ikla flimkien. Kienet sabiħa u inkuraġġanti ħafna l-attendenza tal-aħwa għal dan l-irtir.

## 5. LAQGĦA TAL-PROVINĊJA FI ŻMIEN IL-MILIED

Nhar l-Erbgħa, 28 ta' Diċembru 2022 filgħodu saret il-laqgħa tal-Milied għall-aħwa kollha tal-provinċja. Din il-laqgħa saret fil-kunvent tagħna ta' Sant'Antnin, Għajn Dwieli, Raħal Ġdid, u bdiet billi l-aħwa nġabru flimkien fil-knisja, fejn ġiet iċċelebrata t-Talba ta' Nofs il-Jum. Fil-messaġġ tiegħu l-Ministru Provinċjali Fr Ivan Scicluna tkellem dwar l-importanza tal-fatt li aħna bħala Kapuċċini msejħin biex tidher il-fraternità u mhux jien bħala individwu. Hu faħħar u semma eżempji sbieħ li ltaqa' magħhom f'dawn







ix-xhur, fejn l-aħwa verament jaħsbu u jħobbu lil xulxin. Il-Provinċjal għamel ukoll aċċenn għall-mumenti ta' Lectio Divina u l-quddiesa fraterna li qed tiġi ċċelebrata f'kull fraternità u anke l-bidu tal-kapitli lokali bħala mumenti li fihom nistgħu nkomplu nikbru dejjem aktar fil-viċinanza u l-appartenenza lejn xulxin. Wara dan il-mument ta' talb flimkien fakkarna ż-żewġ anniversarji ta' aħwa li kellna matul din is-sena. Fr Philip Cutajar u Fr Richard Bonnici ċċelebraw il-ħamsin sena mill-professjoni perpetwa tagħhom. Wara li l-Provinċjal offrielhom rigal ċkejken tal-okkażjoni, dawn Ħutna għamlu kelmtejn lill-aħwa kollha. Din il-laqgħa provinċjali għalqet permezz ta' ikla fraterna li saret fil-kunvent. Inroddu ħajr lil Alla ta' dawn il-mumenti sbieħ li jagħtina sabiex inkunu nistgħu niltaqgħu, insiru nafu dejjem aktar lil xulxin u nikbru fil-fraternità ta' bejnietna.

## 6. IL-LAQGĦA TAL-MISSJONI GĦALL-EPIFANIJA

Ta' kull sena l-Uffiċċju tal-Missjoni tagħna l-Kapuċċini jorganizza l-laqgħa speċjali ta' nhar il-festa tal-Epifanija. Wara waqfa ta' tliet snin minħabba l-COVID-19 din is-sena saret nhar il-Ħadd, 8 ta' Jannar 2023 fiċ-Ċentru Kultura Franġiskana fil-Furjana. Matul il-laqgħa sar diskors mill-Ministru Provinċjali Ħuna Patri Ivan Scicluna OFMCap, li enfasizza mal-voluntiera kollha preżenti li l-ħidma tagħhom ma tkunx biss opra filantropika jew soċjali imma pjuttost realtà ħierġa mill-imħabba fuq ix-xebh ta' Kristu, li ta ħajtu għalina minn rajh.

Wara qasam kelmtejn tal-okkażjoni Ħuna Patri Philip Cutajar OFMCap, Direttur tal-Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, li wara li fisser għaliex proprju din il-laqgħa ssir kull sena nhar il-festa tal-Epifanija, għadda biex jagħti rendikont finanzjarju bil-għan li juri l-frott tal-ħidmiet li qegħdin isiru mill-voluntiera b'risq il-missjoni. L-aħħar mument ta' din il-laqgħa kien it-tlugħ tal-Lotterija tal-Epifanija, li ssir kull sena b'risq il-missjoni. Il-biljetti rebbieħa kienu dawn:

**L-EWWEL BILJETT REBBIEĦ:**
SAMWEL P. VELLA, li joqgħod 29, Vjal l-Indipendenza, il-Mosta MST 1929

**IT-TIENI BILJETT REBBIEĦ:**
CHRISTINE CAMILLERI, ta' Apt 44, Blk F, Vella Eugenie, Triq Mannarino, B'Kara BKR 9085

**IT-TIELET BILJETT REBBIEĦ:**
CARMEL BUSUTTIL, ta' 34, Junior, Triq l-Amerika, in-Naxxar NXR 3252





# In-Nawfraġju ta' San Pawl f'Malta – 60 WK



Kav. Carmel Bianchi KGO

Mix-xefaq waqt maltempata,
xita nieżla u qawwi r-riħ,
ried li jgħerreq dak il-ġifen
u fil-qiegħ hemmhekk jaħbih.

Il-maltempata wriet qillitha,
il-mewġ beda jogħla, iżid,
ikagħbar beda 'l dak il-ġifen,
jidfnu b'ħeffa donnu jrid.

Il-baħrin ta' fuq il-ġifen,
Imħassbin, raw dawk il-ħalel;
il-kontroll tal-ġifen tilfu,
inħall l-irbit ta' kull ħabel.

Bdew jarmu t-tagħmir fil-baħar
biex il-ġifen b'hekk jiħfief,
għaliex beżgħu li ser jegħrqu
f'dawk il-ħalel tqal, mhux ħfief.

Tellgħu l-ankri biex iħallu
l-ġifen jerħilha mar-riħ,
għaliex beżgħu li jinqasam
imbagħad żgur li jsibu l-qiegħ.

Mitejn, sitta u sebgħin kienu
fuq il-ġifen, beżgħanin
li l-baħar se jkun qabarhom!
Ma tlumhomx, kienu mwerwrin.

'Il Pawlu deherlu anġlu t'Alla
u għamillu l-kuraġġ;
qallu: "Ħadd mhu se jintilef"
u jeħtieġlu jkompli l-vjaġġ.

Pawlu mbagħad beda jħeġġiġhom:
"Trejqu għax ilkom sajmin.
Kuraġġ! Kulu, għax ħadd minna
mhu se nkunu meqrudin.

"Il-ġifen biss se jitfarrak.
Jeħtieġ naslu lejn gżira;
hemm noqogħdu biex nistkennu
minn dit-traġedja kbira."

Xtaqu li ma jdumx ma jisbaħ
sabiex jaraw fejn qegħdin,
imbagħad ipoġġu l-ġifen tagħhom,
mistrieħ jieħdu, imkennin.

Biex jaraw f'kemm fond jinsabu
kultant bdew jiskandaljaw;
ukoll jaraw hemmx xi sikka
biex jitfarrku jevitaw.

Wara li trejqu b'xi ħaġa
l-qamħ fl-ixkejjer bdew jarmuh,
ħalli jħaffu l-piż mill-ġifen.
Dan ma setgħux iżommuh.

Mat-tbexbix feġġet it-tama,
wiċċhom reġa' ħa l-ħajja.
Mhux fil-bogħod, fost xita u beraq,
lemħu daqsxejn ta' bajja.

L-ankri telquhom fil-baħar.
Qalu: "L-aħjar jintremew."
Kien jeħtieġ jaħbtu f'dil-gżira –
dritt għal fiha t-tmun irħew.

Wara ftit ħabtu ma' sikka
li sfat bejn żewġ kurrenti;
ordni stretta għall-priġunieri –
għalihom ferm attenti.

Il-pruwa baqgħet imwaħħla,
ma tħarrkitx minn dak il-post.
Imħassba, kienu, x'se jagħmlu;
f'dak il-ħin xejn kien ta' gost.

Il-qilla tal-maltempata,
mewġ qalil u qawwi r-riħ,
bdiet titfarrak anke l-poppa –
xejn mill-ġifen baqa' sħiħ.

Ftakru sew fil-kliem ta' Pawlu
illi l-ġifen frak isir
iżda ħadd mhu se jintilef
għax fi ħnientu Alla kbir.

Min ma kienx jaf jgħum qalulhom
jaqbdu mal-fdal tal-ġifen;
megħjunin minn dawk li jafu
fil-baħar ħadd ma jindifen.

Waslu lkoll qawwija u sħiħa,
sew bil-kesħa mirżuħin
u għax ħwejjiġhom għasra fuqhom
xtaqu li jkunu mnixxfin.

Malta l-isem ta' dil-gżira;
fuqha ħadhom id-destin.
Niesha wrew ħnienthom magħhom,
daru bihom – wisq twajbin.

Il-Maltin raw x'kienu jeħtieġu;
sew tħassruhom, imsejknin.
Milli setgħu bdew jgħinuhom;
ħafna kienu għajjenin.

Qabbdulhom ukoll huġġieġa
ħalli jisħnu qrib in-nar.
Wisq qalila l-maltempata,
kif taf tkun fix-xahar ta' Frar.

Għall-irdoss 'il bogħod mix-xita
munzell zkuk – sew niexef kien.
Dana tqabbad, sar ħuġġieġa,
biex isaħħan dak l-imkien.

Mela f'daqqa waħda lifgħa,
hekk kif ħasset dak in-nar,
telgħet u gidmet id Pawlu,
iżda dlonk farfarha mar.

Il-Maltin kif raw dix-xena;
spiċċaw kollha maħsudin
u qatgħuha li hu kriminal
jew wieħed mill-misħutin.

Stennew li jarawh jintefaħ,
mal-art jaqa' u jmut,
iżda stagħġbu kif ħin wara
baqa' sod, ma ġiex stendut.

Malajr biddlu l-fehma dwaru,
tant li fih raw bniedem kbir.
Għalhekk bdew iduru miegħu
u jagħtuh ħafna tifħir.

Pawlu stqarr il-fidi tiegħu
f'dan Alla kbir u setgħan;
lill-Maltin huwa pperswada
b'din Kattoliku Ruman.

Publiju, il-prinċep tal-gżira,
kellu missieru marid.
B'ħerqa talab, qal lil Pawlu,
li jarah ifiq irid.

F'isem Kristu tah is-saħħa,
bidillu l-uġigħ f'serħan.
Kif missieru kien imfejjaq
Publiju ġie wisq ferħan.

Ressqu 'l Pawlu għadd ta' morda
biex jagħtihom il-fejqan,
u hekk għamel f'isem Alla,
kif dal-ġens sar jemmen f'dan.

Il-pjan t'Alla kien mod ieħor –
ried lil Pawlu mal-Maltin,
biex jurihom id-dawl tiegħu
u ma jibqgħux fid-dlam mexjin.

Pawlu ma waqafx ixandar
min kien Kristu lill-Maltin,
li Hu biss il-veru Alla
u ġie jsalva lill-bnedmin.

Kemm kienet providenzjali
t-tempesta dakinhar!
Wasslitilna l-kbir appostlu;
għall-Maltin grazzja mill-kbar.

Ixxurtjati l-Maltin kienu
li mid-dlam kisbu d-dawl,
għaliex biddlu d-din tagħhom
u dan grazzi għal San Pawl.

Tassew Pawlu, kbir appostlu,
ħuġġieġa kien għall-Maltin;
dawl f'musbieħna huwa kebbes,
li bih ġejna mixgħulin.

Ħallih, mela, fuqna jiddi
b'dija jgħammex, dak id-dawl;
minn kull qerq tal-eħżen lifgħa
skansana, kbir San Pawl! ■



# L-eredità kbira u ta' fejda tal-Papa Beneditu



Fr Silvestru Bonavia OFMCap

**Għalkemm l-aħbar ta' tmiem il-ħajja fostna tal-Papa Emeritu Beneditu XVI ma ħasditniex bħas-soltu f'mewt ta' papa, għax il-Papa Franġisku ġa qiegħed u jkompli jmexxi l-Knisja b'kelmtu għanja u l-eżempju ħaj tiegħu, iżda hu għadu u jibqa' jgħallimna ħafna.**

Minnbarra l-kontribut kbir li ta b'kitbietu kollha u l-ħidma li wettaq, il-Papa Beneditu jibqa' mfakkar meta minn rajh irriżenja minn papa. Ħaġa bħal din kienet seħħet l-aħħar mill-Papa Girgor XII fl-1415, aktar minn 600 sena ilu, u ġabet fi tmiemha l-firda kbira fil-Knisja msejħa "x-xiżma tal-Punent". Kemm drabi nintrabtu ma' ħidmiet li nkunu nwettqu u diffiċli nagħtu postna lil ħaddieħor!

Sakemm taqraw din m'għandix dubju li tkunu qrajtu, rajtu jew smajtu bosta riflessjonijiet iktar għanja. Nixtieq, jien, hekk kif qed nikteb dan wara l-funeral tiegħu, naqsam magħkom ftit ħsibijiet dwar il-kontribut kbir ħafna li ta lill-Knisja u lid-dinja, b'mod speċjali dik Nisranija u fuq kollox Kattolika, f'diversi oqsma. Imma hu dejjem kien iħares bid-dawl tal-fidi Kattolika f'ħidmitu u fl-istudji kollha tiegħu tax-xjenzi naturali, tal-filosofija u tat-teoloġija. Għax għalih "il-fidi tal-Knisja hi kollox" (kliemu fit-Testment).

## Ħidmitu wara l-Konċilju Vatikan II

Wara żgħożija mqallba u mimlija tbatija bil-ħakma tan-Nażi fil-Ġermanja u t-Tieni Gwerra Dinjija huwa rnexxielu jtemm l-istudji u fl-1951 ġie ordnat qassis flimkien ma' ħuh ikbar minnu. Imbagħad kompla l-istudji għolja fit-teoloġija, beda jgħallem f'diversi universitajiet tal-Ġermanja, u ppubblika kotba u artikli f'rivisti xjentifiċi. Kien il-kunsillier teologu tal-Kardinal Frings fi żmien il-Konċilju Vatikan II (1962-66) u qrib teologi magħrufa f'dawk is-snin u wara. Fl-1977 il-Papa S. Pawlu VI ħatru Arċisqof ta' Munich u Freising, u ftit xhur wara sar kardinal. Fl-1981 ġie msejjaħ biex imexxi l-Kongregazzjoni tad-Duttrina tal-Fidi sal-għażla tiegħu bħala papa wara l-mewt tal-Papa S. Ġwanni Pawlu II fl-2005.

L-ewwel nett, u mingħajr dubju, il-Papa Ratzinger jibqa' jissemma, bħalma ġa kitbu ħafna, bħala wieħed mit-teologi u papiet li taw sehem kbir għall-iżvilupp tat-teoloġija u d-duttrina tal-Konċilju Vatikan II. Din il-ħidma wettaqha b'għaqal kbir ħafna fl-24 sena sħaħ li fihom mexxa

*"Ħarstu u t-tbissima tiegħu għadhom ħajjin"*



l-Kongregazzjoni tad-Duttrina tal-Fidi, li minn Ġunju tas-sena li għaddiet, bir-riforma tal-Papa Franġisku, illum tissejjaħ "Dekasteru tad-Duttrina tal-Fidi".

Kontribut kbir tiegħu lill-Knisja kien il-Katekiżmu Universali. Il-Kardinal Ratzinger mexxa għal snin twal il-kummissjoni li fasslitu u xandritu fl-1992 (bil-Franċiż), li malajr ġie tradott fl-ilsna l-oħra.

## Il-Papa Benedittu f'Malta

Ma nistgħux ma nsemmux iż-żjara li l-Papa Benedittu għamel f'Malta fis-17 u t-18 t'April 2010 f'għeluq il-festi tal-1950 anniversarju mill-wasla ta' San Pawl fostna. Dakinhar tana l messaġġ ewlieni ta' inkuraġġiment biex, bħala poplu, inkomplu ngħixu u nsaħħu l-fidi tagħna, inħarsu l-ħajja umana, l-aktar fid-dawl tal-fenomenu umanitarja li feġġ bl-immigranti minn diversi nħawi tal-Mediterran, u li kienu qed jiġu mitluqa għal riħhom f'baħar mhux ħafna 'l bogħod mill-gżejjer tagħna. Flimkien ma' dan ħeġġeġ lil kulħadd sabiex inkomplu ngħożżu l-valuri tal-familja. Dawn il-valuri, illum, wara dawn il-ftit snin li għaddew, nafu lkoll kemm tassew għandna bżonnhom, u lkoll irridu nagħmlu l-almu kollu tagħna - kemm min huwa fl-awtorità kif ukoll aħna lkoll kemm aħna - biex dawn jibqgħu jdawluna u jmexxuna. Il-Papa Benedittu wkoll, bħalma għamel f'okkażjonijiet oħra u fi żjajjar bħal tagħna, talab skuża għall-abbużi minn xi membri tal-kleru f'pajjiżna.

## Il-familja u t-trobbija tajba

Imma nħoss li messaġġ importanti li neħtiġuh ħafna u jkollna bżonnu fiż-żmien li ġej huwa dak li ħallielna fit-testment tiegħu, li huwa kiteb tliet xhur wara li sar papa.

Il-Papa Benedittu jrodd ħajr kbir lil Alla għat-trobbija li tawh il-ġenituri tiegħu: ommu, l-aktar bl-għotja tagħha kollha kemm hi fil-familja, l-għożża kbira fit-trobbija u fuq kollox bl-eżempji li baqa' jgħożż. U missieru, b'ħidmitu kollha u l-mod sod kif għex il-fidi tiegħu Kattolika f'dawk iż-żminijiet diffiċli ħafna tat-tmexxija Nażista fil-pajjiż, li ġa kienet qed tidher trid tiddomina almenu l-Ewropa, u li aħna hawn Malta doqna ftit (jew ħafna) mill-ħruxija tagħha fit-Tieni Gwerra Dinjija (1939-1945). Imma, fi kliem il-Papa nnifsu f'dan it-testment, "Meta nħares lura nara u nifhem li dak li deher dlam u jitlob impenn mhux żgħir, kollox kien għall-ġid tiegħi; u proprju fihom, Hu mexxieni sewwa." L-eżempji tal-familja "jdawlu l-jiem kollha ta' ħajti sal-lum. Il-fidi ċara ta' missieri għallmitna, lilna, uliedu, biex nemmnu, u hi, din il-fidi, żammitni dejjem sod fl-istudji tiegħi xjentifiċi. L-imħabba profonda u t-tjieba kbira ta' ommi jirrappreżentaw l-eredità li qatt mhu biżżejjed ir-radd il-ħajr tiegħi. Oħti għenitni għal għaxriet ta' snin mingħajr ebda interess u bi mħabba ħerqana. Hija, li b'ġudizzji ċari u l-karattru qawwi flimkien mas-serenità tal-qalb dejjem wittieli t-triq quddiemi. Mingħajr dan l-eżempju kontinwu tiegħu, li hu kien jurini u jakkumpanjani bih, qatt ma kont nasal biex insib it-triq it-tajba."



*Il-Papa Franġisku f'waħda mill-aħħar żjarat lill-Papa Emeritu*

## Jgħallimna l-ferħ veru tal-ħajja

Xtaqt ħafna nsemmi xi ħaġa fuq il-qaddisin u beati li ddikjara tul is-snin, imma din forsi tkun darb'oħra. Illum nikkwota biss kelmtejn żgħar tal-Papa Franġisku li stqarrhom fl-4 ta' Jannar waqt l-udjenza ġenerali, waqt li n nies bl-eluf kienu qed jistennew biex iqimu l-fdal mortali fil-Bażilika ta' S. Pietru: "Nixtieq ningħaqad magħhom u nrodd ħajr jien ukoll lil dan l-għalliem kbir tal-katekeżi. Jalla huwa jgħinna niskopru fi Kristu l-ferħ tal-ħajja." ■

# Trill (ħut) ta' Sant'Andrija



Fr Paul Bugeja OFMCap



It-trill ta' Sant'Andrija huwa platt tipiku ta' Salento, l-Italja. Dan jissajjar fil-festa ta' Sant'Andrija.



## Ingredjenti:

kilò trill imdaqqas
2 lumijiet
2 mgħaref kappar
ras tewm
żejt taż-żebbuġa
ftit tursin imqatta'
inbid abjad
melħ

## Tisjir:

1. Ġo taġen itfa' ftit żejt u qalli t-tewma għal ftit.
2. Jekk it-taġen ma jkunx kbir biżżejjed biex taqli l-ħut kollu f'daqqa, aqlihom ftit ftit.
3. Kif tkun qed taqlihom itfa' fuqhom ftit melħ.
4. Aqlihom miż-żewġ naħat, filwaqt li titfa' ftit inbid abjad u l-kappar.
5. Meta jsir il-ħut, servih billi tagħsar ftit lumi fuqu u titfagħlu tursin frisk.

# Tisliba **Nru 207**



1. Fejn tela' flimkien mal-prinċep. (Għan. 6, 12) (5)
2. Armati bis-sjuf u b'dawn. (Mt. 26, 47) (6)
3. Kulur l-ilbies tal-anġli. (Ġw. 20, 12) (5)
4. X'jagħmel lil xufftejh. (Prov. 16, 30) (5)
5. Fi żmien il-ħrit u dan. (Eż. 34, 21) (4)
6. Il-pjaċir li missieru għamel miegħi. (1 Kron. 19, 2) (5)
7. Ħaddem moħħok u ara. (1 Slat. 8, 27) (5)
8. Ninsabu mgħaddsin fihom sa din. (Esd. 9, 6) (5)
9. ... is-seba' wliedha jinqerdu. (2 Mak. 7, 20) (3)
10. Fi żmien dan u d-diqa. (Ġer. 19, 9) (7)
11 u 12. Imxejna b'din u t-tagħwiġ. (Bar. 2, 12) (6)
13. Hekk agħmlu minnkom il-gideb. (Efes. 4, 25) (6)
14. Tiqafx f'salib dawn. (Għabd. 14) (5)
15. Iġġarrfu mal-għajta. (Ġoż. 6, 20) (5)
16. Kif isiru l-ħafna bl-ubbidjenza ta' wieħed. (Rum. 5, 19) (5)
17. ... ruħhom minxura fl-imsieraħ. (Ġdt. 7, 14) (5)
18. San Pawl nisslu fil-ktajjen. (Film. 10) (7)
19. X'kien jismu r-raġel mifluġ. (Atti 9, 33) (4)
20. Saħqu din tal-imsejkna. (Għam. 2, 7) (3)
21. Tfisser l-aħħar, it-tmiem. (Apk. 1, 8 – ara nota) (5)
22. X'kien Luqa. (Kol. 4, 14) (5)



Fr wistin attard OFMCap

# Aħseb u wieġeb

1. Id-dar tiegħi tissejjaħ: każin, dar tat-talb, ċentru. *(Mk 11, 17)*
2. Minnu kienet toħroġ qawwa: taħraq, toqtol, li tfejjaq. *(Lq. 6, 19)*
3. Jiena u l-Missier: tnejn, ħaġa waħda, nixxiebhu. *(Ġw. 10, 30)*
4. Il-Lhud Griegi lil Pawlu fittxew: jaqduh, jilqgħuh, jeqirduh. *(Atti 9, 29)*
5. Midd il-minġel u: sinnu, aħsad, naddfu. *(Apk. 14, 15)*
6. L-anġli joħorġu: idoqqu, ikantaw, jifirdu l-ħżiena mill-ġusti. *(Mt. 13, 49)*
7. Il-qassisin u l-kittieba riedu: jeqirduh, jarawh, jgħinuh. *(Mk 11, 18)*
8. Ġesù qalilna henjin: is-sinjuri, il-foqra, il-qawwija. *(Lq. 6, 20)*
9. Ġesù qalilhom li hu: Bin Alla, il-mastrudaxxa, bin Marija. *(Ġw. 10, 36)*
10. Il-Knisja kibret bl-għajnuna: tal-appostli, tad-dixxipli, tal-Ispirtu s-Santu. *(Atti 9, 31)*

## Ir-rebbieħa tal-ħarġa ta' **Jannar 2023**

Agendabookshop

Ir-rebbieħa ta' kull kompetizzjoni jingħataw żewġ kotba mogħtija ġentilment minn AGENDA – MILLER DISTRIBUTORS LIMITED. Ir-rebbieħa jittellgħu bix-xorti mit-tweġibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-15 tax-xahar. Ir-rebbieħ tal-kompetizzjoni **TISLIBA NRU 206** huwa ANTHONY SPITERI li joqgħod 115,Triq il-Lunzjata, il-Ħamrun. Ir-rebbieħa tal-kompetizzjoni AQTA' MIN Nru 46 hija MONICA ATTARD li toqgħod 46, Triq il Manikata, il Mellieħa. Nistiednu lir-rebbieħa sabiex jiġu jiġbru l-premju mogħti lilhom mill-Uffiċċju tal-Missjoni Kapuċċini, il-Furjana.

## Soluzzjoni għal Tisliba #206

**1.** Romol; **2.** Aramin; **3.** Żball; **4.** Fuqna; **5.** Ħuti; **6.** Xitan; **7.** Okrob; **8.** Unuri; **9.** Omm; **10.** Lenbija; **11 u 12.** Inħott; **13.** Taqfel; **14.** Ninsa; **15.** Abjad; **16.** Karfa; **17.** Blata; **18.** Imħabba; **19.** Ħlas; **20.** Qal; **21.** Sħaba; **22.** Fdejt.

# 8 Modi kif tista' tgħin

## L-ewwel u qabel kollox offri t-talb u s-sagrifiċċji tiegħek għall-ħtiġijiet spiritwali tal-missjunarji.

**1.** **Borża ta' studju** sabiex tgħin seminarista jsir saċerdot Franġiskan Kapuċċin. Minbarra li tkun qed tinvesti sabiex tadotta saċerdot, hu jadotta lilek billi jitlob għalik kuljum f'kull quddiesa li jqaddes f'ħajtek u wara mewtek. Kull borża ta' studju tiswa €600.

**2.** **Ibagħtulna bolol tajbin jew użati-** Naċċettaw kull tip ta' bolol. Tarmuhomx imma faddluhom u ibagħtuhomlna. **JEW EJJEW IXTRU BOLOL UŻATI**. Kilò bolol użati aħna nbigħuh b'€10. Attenti meta taqtgħu bl-imqass il-bolla minn mal-envelope. Jekk tmissu l-bolla u taqtgħu s-snien tagħha (it-truf tagħha) il-bolla titlef il-valur tagħha. Ħallu dan ix-xogħol għalina.

**3.** **Napprezzaw li tibagħtulna rċevuti** tal-VAT sabiex nidħlu biċ-ċans tal-lotterija u f'każ ta' rebħ kollox imur għall-missjoni. Importanti li l-irċevuti jkunu għandna mhux aktar tard mit-8 tax-xahar rispettiv. Filwaqt li ngħidulkom grazzi nħeġġukom sabiex tkomplu tibagħtu dawn l-irċevuti u b'hekk tkunu qed tgħinu l-missjoni tagħna fil-Kenja.

**4.** **Bazaar b'risq il-missjoni**
Minħabba l-kriżi li ħolqot l-imxija tal-COVID-19, għal dawn l-aħħar sentejn il-bazaar li konna norganizzaw kull sena qrib il-Milied ma sarx. Lanqas din is-sena ma sar. Imma minflok dan qed ikollna bħal mini bazaar miftuħ kuljum mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn it-8.30 ta' filgħodu u nofsinhar. Dan il-bazaar qed ikun fid-daħla tal-Uffiċċju tal-Missjoni biswit il-kunvent tal-Kapuċċini, il-Furjana. Ilkoll intom mistiedna sabiex tiġu, taraw u tixtru. B'hekk tkunu qed tgħinu lill-missjoni tagħna fil-Kenja.

**5.** **Qegħdin noħorġu ħafna flus fi spejjeż tal-posta** sabiex inqassmu r-rivista *DAWL FRANĠISKAN* minħabba nuqqas ta' distributuri f'ċerti bliet u rħula. **OFFRI B'MOD VOLONTARJU S-SERVIZZ TIEGĦEK BIEX TQASSAM IR-RIVISTA FIL-BELT JEW RAĦAL TIEGĦEK.** Għandna bżonn: Bormla, parti minn Birkirkara, Tas-Sliema.

**6.** **Għajnuna fl-edukazzjoni tat-tfal**
B'€10 fix-xahar jew €120 fis-sena tkun qed tgħin tifel jew tifla biex jingħataw edukazzjoni – uniformi tal-iskola u l-ikel fl-iskola. Tingħata l-isem u r-ritratt tat-tifel jew tifla li inti bi mħabba tadotta sabiex tagħtiha l-edukazzjoni b'xejn.

**7.** **Intenzjonijiet għall-quddies**
Meta tagħtu flus biex isir quddies għall-missjoni tkunu qed tagħmlu opra ta' karità doppja: tgħinu lill-missjunarji u lill-erwieħ mejtin.

**8.** **Meta tiġi biex tagħmel it-testment,** wara li taħseb f'ruħek u fil-familjari tiegħek fittex li tkun ġeneruż/a **BILLI TĦALLI XI ĦAĠA B'RISQ IL-MISSJONI.**

Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil:
Fr Philip Cutajar OFMCap
Segretarju tal-Missjoni,
Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, il-Furjana
Telefown: 2123 3874 / 2123 4949 / 2122 5525
Imejl: dawlfrangiskan@gmail.com

BOV KONT PROĠETT HOLA – IL-KENJA: MT04VALL220130000000 40019994646
BOV KONT DAWL FRANĠISKAN – MT02VALL220130000000 40023435175
BOV KONT SEGRETARJAT MISSJONI KAPUĊĊINI: MT22VALL220130000000 40019998299
*Nota importanti: Huwa ferm meħtieġ li lill-bank tagħtih ismek u kunjomok bl-indirizz tiegħek.*